# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgha 27 ta' Marzu 2020**

**Numru 8**

**Citazzjoni numru 135/10 JZM**

**Antoine Camilleri**

**v.**

**Jason Aquilina**

## Preliminari

1. Dan huwa appell ad istanza tal-attur Antoine Camilleri mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Mejju 2014, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-qorti biex tvarja s-sentenza appellata inkwantu tikkonfermaha fejn ċaħdet it-talbiet rikonvenzjonanti tal-konvenut, u tħassarha fejn ċaħdet it-talbiet attriċi (tiegħu) u konsegwentement tilqa' l-istess talbiet attriċi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"**I. Preliminari**

"Rat ir-**rikors guramentat** prezentat fit-12 ta\` Frar 2010 li jaqra hekk –

*"1. Illi l-kontendenti kienu shareholders fis-socjeta\` St. Philip Caterers Ltd fejn l-attur kellu 250 ordinary shares u l-konvenut 250 ordinary shares.*

*"2. Illi sussegwentement il-kontendenti kienu ffirmaw skrittura privata datata 1 ta\` Dicembru 2008 (Dok A) li permezz taghha ftehmu li l-konvenut kellu jittrasferixxi l-ishma kollha tieghu fis-socjeta\` St. Philip Caterers Ltd. lill-esponent u dan versu l-prezz ta\` wiehed u tmenin elf, hames mija u hamsa u ghoxrin Euro (€81,525). Fl-istess skrittura l-konvenut obbliga ruhu li jkompli jiggarantixxi ghal-loans u overdraft li kien hemm ezistenti mal-HSBC Bank (Malta) p.l.c. ghall-perjodu hemm indikat.*

*"3. Illi l-attur dakinhar stess hallas lill-konvenut il-prezz patwit ta\` wiehed u tmenin elf, hames mija u hamsa u ghoxrin Euro (€81,525).*

*"4. Illi pero\` l-konvenut kellu ripensament u effettivament irrifjuta li jittrasferixxi l-istess ishma ghal fuq isem l-attur bil-konsegwenza li sal-lum il-konvenut ghadu jidher bhala azzjonista tas-socjeta\` St. Philip Caterers Ltd, u dan kif jirrizulta mill-anness dokument tal-MFSA (Dok B).*

*"Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*"i) Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut ma ottemporax ruhu mal-iskrittura tal-1 ta\` Dicembru 2008 stante li ghad li ha l-flus ma ttrasferiex l-ishma tieghu fis-socjeta\` St. Philip Caterers Ltd lill-attur, tordna r-rizoluzzjoni tal-istess skrittura u,*

*"ii) konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-attur is-somma ta\` mhallas ta\` wiehed u tmenin elf, hames mija u hamsa u ghoxrin Euro (€81,525).*

*"Bl-ispejjez inkluz dawk ta\` mandat ta\` sekwestru kawtelatorju numru (sic) u mandat ta\` inibizzjoni numru (sic) u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.*

"Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta\` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

"Rat ir-**risposta guramentata** prezentata fit-22 ta\` Frar 2010 li taqra hekk –

*"1. Illi, kuntrarjament ghal dak espost fir-rikors promotur, ma giet iffirmata ebda skrittura mill-esponent nhar l-ewwel ta` Dicembru 2008, izda giet iffirmata skrittura bejn il-kontendenti nhar it-8 ta` Dicembru tal-2008 (kopja annessa u mmarkata 'DOK JJA1'), fis-sens illi l-esponent qabel li jittrasferixxi l-ishma tieghu fis-socjeta` St. Philip Caterers Limited lill-attur versu l-prezz ta` tlieta u hamsin elf hames mija u hamsa u sebghin Ewro (€53,575) u mhux wiehed u tmenin elf hames mija u hamsa u ghoxrin Euro (€81,525) kif allegat fir-rikors promotur ;*

*"2. Illi l-ammont ta` tlieta u hamsin elf hames mija u hamsa u sebghin Ewro (€53,575), miftiehem bejn il-partijiet, jirrapprezenta l-ammont li kien dovut mill-esponent fuq ix-shareholders` loan dakinhar tal-iffirmar tal-ftehim, ossia t-8 ta` Dicembru 2008, u dan kif juru d-dokumenti hawn annessi u mmarkati 'DOK JJA2' u 'DOK JJA3' u kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*"3.Illi inoltre, dakinhar tal-iffirmar tal-ftehim, l-attur sahansitra ghadda lill-mittenti post-dated cheques li kellhom jissarrfu f`Jannar tas-sena 2009 (kopji annessi u mmarkati 'DOK JJA4') fl-ammont totali ta` hamsa u erbghin elf u seba` mitt Ewro (€45,700), li flimkien ma` pagament ta` sebat elef tmien mija u hamsa u sebghin Ewro (€7,875) fi flus kontanti, kellhom jirrapprezentaw il-pagament ghall-eventwali trasferiment tal-imsemmija ishma. Minkejja dan, meta l-esponent mar biex isarraf l-istess cheques, dawn ma gewx onorati u konsegwentement it-trasferiment tal-ishma qatt ma sar ;*

*"4. Illi l-esponent kategorikament jichad li qatt ircieva xi flus ghall-imsemmija ishma minghand l-attur kif allegat fir-rikors promotur, allegazzjoni li hija totalment infondata u f`kull kaz trid tigi ppruvata mill-istess attur ;*

*"5. Illi l-fatti li ghalihom tirreferi l-allegazzjoni tal-attur hija biss parti minn serje ta` avvenimenti li graw mill-ahhar tal-2008 'l hawn bejn il-kontendenti u li dwarhom l-esponent qieghed jipprezenta rikors separat kontestwalment ma` din ir-risposta ;*

*"6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

"Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

"Rat il-**kontrotalba** li taqra hekk –

*"1. Illi skont il-ftehim datat 8 ta` Dicembru 2008 (kopja annessa u mmarkata 'DOK JJA1') il-kontendenti ftehmu illi l-esponent jittrasferixxi l-ishma tieghu fis-socjeta` St. Philip Caterers Limited versu l-prezz ta` tlieta u hamsin elf hames mija u hamsa u sebghin Ewro (€53,575) kif gia` espost ;*

*"2. Illi c-cekkijiet (kopji annessi u mmarkati 'DOK JJA4') li bihom l-attur rikonvenut kellu jhallas lill-esponent ghall-imsemmija ishma ma gewx onorati u ghaldaqstant it-trasferiment tal-istess ishma qatt ma sar ;*

*"3. Illi l-esponent ghad ghandu interess illi dan it-trasferiment isir u dan ghall-prezz miftiehem, ossia tlieta u hamsin elf hames mija u hamsa u sebghin Ewro (€53,575).*

*"Ghaldaqstant, il-konvenut rikonvenjenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*"1. Tordna lill-attur rikonvenut, okkorrendo permezz ta` kuraturi nominandi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci, sabiex jersaq ghall-iffirmar tal-ftehim ghat-trasferiment tal-ishma tal-konvenut rikonvenjenti fis-socjeta` St. Philip Caterers Limited lill-attur rikonvenut u dan wara li jhallas l-ammont ta` tlieta u hamsin elf hames mija u hamsa u sebghin Ewro (€53,575) dovuti lill-istess Jason Aquilina kif precedentement miftiehem bejn il-partijiet u kif jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur rikonvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

"Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut ghall-fini tal-kontrotalba u l-elenku ta` dokumenti hemm esebiti.

"Rat ir-**risposta guramentata ghall-kontrotalba** li l-atturipprezenta fis-7 ta` Mejju 2010 li taqra hekk –

*"1. Illi preliminarjament it-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija rritwali ghaliex qieghed jintalab li l-attur jigi kkundannat jersaq ghall-iffirmar ta` trasferiment wara li jithallas l-ammont ta` €53,575 minghajr ma saret talba biex l-attur jigi kkundannat ihallas l-istess ammont.*

*"2. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu t-talbiet tal-konvenut ghandhom jigu mihuda bl-ispejjez u dan ghaliex kien il-konvenut stess li nonostante li thallas l-ammont, mhux ta` €53,575 izda ta` €81,525, naqas illi jittrasferixxi l-istess ishma ghal fuq il-konvenut. In effetti, precizament minhabba l-inadempjenza da parti tal-konvenut, f`din l-istanza l-esponent qieghed jitlob dikjarazzjoni li l-konvenut ma ottemporax ruhu mal-iskrittura tal-1 ta` Dicembru 2008 u kundanna biex il-konvenut jirrifondi lill-attur is-somma ta` mhallas ta` wiehed u tmenin elf, hames mija u hamsa u ghoxrin Euro (€81,525).*

*"3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

"Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur ghall-fini tal-kontrotalba.

"Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` l-attur, ta` Alfred Camilleri, ta` Peter Saffret, ta` David Gauci, u ta` Arthur Briffa.

"Semghet ix-xhieda ta` Av. Dr. Claudette Fenech, ta` Av. Dr. Matthew Brincat, u ta` Antoine Borg fl-udjenza tat-18 ta` Novembru 2010 u rat id-dokument li kien prezentat waqt l-istess udjenza.

"Rat id-digriet taghha tat-3 ta` Marzu 2011 fejn (wara talba mill-attur opposta mill-konvenut) awtorizzat lill-attur sabiex iressaq bhala xhud lil

Odette Galea sabiex tixhed viva voce limitatament u esklussivament dwar il-mertu tal-kawza bejn il-partijiet.

“Rat id-dokument li l-attur ipprezenta b`nota tieghu tal-1 ta` Frar 2011.

“Semghet ix-xiehda ta` Ruth Seychell fl-udjenza tas-17 ta` Frar 2011 u rat id-dokumenti li pprezentat ix-xhud.

“Semghet ix-xiehda ta` Odette Galea fl-udjenza tat-3 ta` Mejju 2011.

“Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-konvenut u ta` Lawrence Camilleri flimkien mad-dokumenti li kien annessi mal-istess.

“Semghet ix-xiehda ta` Maria Dolores Aquilina fl-udjenza tad-29 ta` Settembru 2011.

“Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Francis Galea u ta` George Psaila.

“Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-attur, u l-ezami tax-xhieda Monica Galea u Clive Scicluna fl-udjenza tal-15 ta` Novembru 2011. Rat ukoll id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

“Semghet ix-xiehda in riezami ta` Maria Dolores Aquilina, ix-xiehda ta` Frank Galea, u x-xiehda in kontroezami ta` Jason Aquilina u ta` Lawrence Camilleri fl-udjenza tat-13 ta` Frar 2012. Rat ukoll id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

“Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Lawrence Camilleri u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

“Rati in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

“Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li ghamlu bil-fomm id-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta` Frar 2013.

“Rat id-digriet moghti f`din l-udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

“Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

“**Ikkunsidrat :**

“**II. <u>Provi</u>**

“**<u>L-attur</u>** xehed li huwa ltaqa` ma` l-konvenut meta dan kien ghadu bi shab ma` Peter Saffett fil-kumpanija St Philip Caterers Limited u kienu jiggestixxu kafeterija go Haz-Zebbug li kien jisimha `San Filippo Cafeteria`. Dak iz-zmien, huwa kien jahdem bhala `delivery man`. Saffrett u Aquilina ma kinux sejrin tajjeb u kienu ser jaghlqu. Skond l-attur, kien se jigri hekk minhabba `bad management`. L-impieg tieghu nbidel billi flok jaghmel il-konsenji beda jmexxi l-kafeterija. Ghamel

arrangament mas-sidien tal-kumpannija fejn apparti l-paga beda jiehu wkoll nofs il-qligh li jibqa` fix-xahar. Meta it-tmexxija giet fdata lilu, il-kafeterija bdiet tirrendi sew. Dan kien fl-2002. Ghalhekk thajjar jixtri l-kafeterija ghall-prezz ta` Lm50,000. Mar anke biex jiehu self. Skopra pero` li l-istabbiliment ma kellux permess. Il-konvenut u Saffret kellhom hafna dejn mal-banek u ma` l-agenti, u kienu waslu fl-istat li jaghlqu l-fabbrika u l-kafeterija. Dak iz-zmien il-kumpannija kellha l-kafeterija, fabbrika go Haz-Zebbug u hanut ir-Rabat. Bil-prezz ta` Lm50,000 li offra huwa kien se jakkwista nofs l-ishma tal-kumpannija. Kien deciz illi l-konvenut johrog mill-kumpannija u jiehu l-hanut tar-Rabat kif ukoll LM90,000 mid-dejn tal-kumpanija. Qabel lahaq sar is-share transfer, u kif beda jopera ma` Saffrett, sab li kien hemm ferm iktar djun milli kien qal il-konvenut. Minhabba dan, Saffrett kellu argument mal-konvenut u hareg mill-kumpannija. Gara li l-ishma li kellu Saffrett daru fuq isem l-attur u Saffrett ha l-kafeterija ta` Haz-Zebbug.

"**<u>L-attur</u>** qal li meta gie biex jidhol fil-kumpannija, Lawrence Camilleri li kien l-accountant tal-kumpannija tah parir biex ma jidholx fil-kumpannija minhabba fid-djun li kellha. Skond l-accountant, il-konvenut kien qed imexxi hazin u dik kienet ir-raguni ghala telghu d-djun. Malli bdew jahdmu flimkien, nqatghu hafna djun. Meta ra hekk, Lawrence Camilleri thajjar jidhol shareholder fil-kumpannija. Pero` ma setax jidhol shareholder peress li kien hemm djun ta` taxxi li taghhom kien awditur. Lawrence Camilleri ppropona li sakemm jinqatghu d-djun, jinvesti Lm20,000. U hekk sar ghaliex is-somma ntuzat biex thallsu xi djun. Kien miftiehem li Lawrence Camilleri jiehu Lm150 fix-xahar apparti l-mizata tieghu ta` l-audits u tax-xoghol iehor li kien jaghmel. Lawrence Camilleri kien imur il-fabbrika xi erba` darbiet fil-gimgha u kien jipprepara l-accouints ghall-firma ta` Jeremy Gambin.

"**<u>L-attur</u>** stqarr li l-konvenut ma kienx qed jikkontribwixxi ghall-kumpannija. Kien qed jiehu ta` xejn Lm200 fil-gimgha mill-kumpannija. L-attur biss kien qed imexxi l-fabbrika. Kien ghalhekk li l-attur talab lill-konvenut biex johrog mill-kumpannija billi jittrasferixxi l-ishma tieghu. Kien maqbul prezz ta` €81,525 ghall-ishma tieghu. Kien miftiehem illi l-konvenut kellu jibqa` jaghmel tajjeb ghas-self ma` l-HSBC. Mal-bank id-dejn kien ta` €200,000 ghal hames snin. Il-ftehim sar bil-miktub. L-attur qal li l-konvenut ma riedx juri lil Lawrence Camilleri li kien ser idahhal minghand l-attur is-somma ta` €81,525 peress li l-konvenut kellu jaghti flus lil Lawrence Camilleri. Il-konvenut talab lill-attur sabiex jaghmlu skrittura ohra din id-darba "finta" li turi valur tal-ishma fl-ammont ta` €53,375 flok €81,525 kif ukoll li s-share transfer isir wara xahar u nofs biex jilhaq jirranga l-affarijiet ma` Lawrence Camilleri. L-attur accetta. L-attur hallas l-intier tas-somma ta` €81,525. Il-bicca l-kbira tal-flus inghataw fi flus kontanti u l-kumplament kienu cekkijiet li kien ircieva minghand klijenti kif ukoll xi cekkijiet tal-kumpannija. Prezenti ghal dan kollu kien hemm huh Alfred. Kollox sar fl-ufficcju tal-kumpannija Haz-Zebbug. Wara ftit tal-granet il-konvenut irrizenja minn direttur.

"**L-attur** fisser li c-cekkijiet li pprezenta l-konvenut ma kellhom x` jaqsmu xejn ma` s-somma tal-hlas tas-shares. Wiehed mic-cekkijiet kien hadu minn cheque book ta` huh Alfred. Dan huh kellu hanut il-Hamrun u kien izomm ic-chequebook iffirmat ghal li jista` jinqala`. Meta ghalaq dan il-hanut, ic-cheque book spicca ghandu fil-fabbrika u meta huwa tkecca mill-fabbrika dan ic-cheque book ta` huh Alfred spicca ghand il-konvenut. Ic-cekk l-iehor tah hu lill-konvenut pero` ghal xi haga ohra mhux bhala parti mill-€81,525.

"**L-attur** qal li wara li sar il-ftehim, sar jaf li l-konvenut kien qed jipprova jbiegh il-proprjeta` li biha kien qieghed jaghmel tajjeb ghas-self tal-kumpannija u l-overdraft ma` l-HSBC. Fil-pront cempel lill-konvenut biex isir is-share transfer. Il-konvenut weghdu li t-trasferiment kien se jsir il-gimgha ta` wara. Fil-gurnata miftehma, il-konvenut tefa` l-mobile u ma resaqx lejn il-fabbrika. L-ghada ltaqghu izda l-konvenut qal li kien finanzjarjament batut u li ried jbiegh il-proprjeta` li kien qed jaghmel tajjeb biha ghas-self tal-kumpannija mal-bank. Il-konvenut qal li kien ippropona lill-bank illi flok dik il-proprjeta` partikolari joffri bhala garanzija proprjeta` ohra li kienet penthouse fejn kienet tghix ommu. Il-penthouse kienet stmata €130,000 u ghalhekk billi s-self kien ta` €200,000, il-bank kien se jibqa` skopert b`€70,000. Il-konvenut talbu li johrog €70,000 ohra apparti l-prezz patwit, u jekk ma jhallasx dik is-somma, ma kienx ser isir is-share transfer u l-fabbrika kienet ser tinghalaq.

"**L-attur** spjega illi tkellem ma` Arthur Briffa. Dan offra li jaghti proprjeta` tieghu lill-konvenut biex is-€70,000 jehodom bil-mod. Ghamel hekk biex isalva l-kumpannija ghaliex kien investa hafna flus fiha. Kien nefaq hafna flus minn tieghu apparti l-Lm50,000 u €81,525. Li kieku l-konvenut ghalaq il- fabbrika, kien se jibqa` b`xejn. Il-konvenut mar ma` Lawrence Camilleri biex jara l-proprjeta` ta` Briffa izda ma ntlahaqx ftehim. Ghalhekk il-konvenut u Lawrence Camilleri bdew jaqilghu hafna problemi lil-attur. Bdew javvicinaw klijenti taghhom u jigbru l-pagamenti minghandhom u jzommuhom huma. Dawk it-tnejn taw struzzjonijiet lis-segretarja Raisa Borg u lill-manager David Gauci biex ma jiehdux ordnijiet minghandu biex il-flus jibqghu f` idejn Borg u Gauci u biex jaghlqu l-cash flow huma filwaqt li Gauci biss seta` jixtri l-materjal. Il-konsegwenza t` dan kien illi spicca bla dhul ta` xejn u la seta` jhallas lill-agenti u lanqas ihallas il-pagamenti tas-self.

"**L-attur** kompla jghid illi din is-sitwazzjoni damet sejra madwar xahar. Darba minnhom, kellu jmur jigbor xi flus dovuti ta` ikel li kien ittiehed mill-kumpannija u li kien jammonta ghal xi €6,000. Dawn il-flus kienu dovuti lilu minn hanut ta` l-konvenut u minn hanut gestit minn omm il-konvenut. Il-konvenut mar il-fabbrika ma` Lawrence Camilleri u Melvin Theuma li mieghu l-konvenut kellu dejn ta` €40,000. Staqsa lill-konvenut jekk kienx gab il-flus izda dan l-konvenut wiegeb li ma kellu jaghtih xejn. Beda jghid li fil-fabbrika ma kellu xejn u li li l-flus li kellha tigbor il-kumpannija mill-hanut ta` ommu u mill-hanut l-iehor tieghu kellhom jehduhom il-konvenut stess, Lawrence Camilleri u Melvin

Theuma. L-attur qal li ma setax jopera f` dawk il-kondizzjonijiet peress li dawk il-hwienet bejniethom kienu jiehdu hafna ikel. Malli l-attur qal lill-konvenut li ma setghux jibqghu sejrin hekk, il-konvenut qallu biex ihallas lill-lavranti u li hemmhekk kien taghhom. Dak il-hin qam paniku shih. L-attur qal li huwa kien id-direttur u ghalhekk huwa kien responsabbli. David Camilleri wasslu biex igib xi €8000 li kellu u huh Alfred kien waslu fil-fabbrika. Lawrence Camilleri mela t-termination forms u kkalkola li kien hemm ammont ta` xi €11,000 dovuti lill-lavranti.

"**<u>L-attur</u>** qal li l-lavranti telqu u meta huwa talab kemm kienu ser jistmaw il-fabbrika, dawn kienu qalulu li peress li l-konvenut kien qed jaghmel tajjeb mal-bank ghal €200,000, Lawrence Camilleri kellu jiehu €80,000 u Melvin Theuma kellu jiehu €120,000, huma kienu ser jiehdu l-fabbrika flok il-flus. L-attur qalilhom li huwa ukoll kellu jiehu ghaliex kien hallas LM50,000, flus ohra kif ukoll €81,525. X`hin qal hekk, Theuma hareg revolver u heddu biex immur maghhom ghand l-Av. Matthew Brincat biex isir skrittura halli jiehdu kollox huma. Huwa kellu jmur ghand l-Av. Brincat u fil-fatt iffirma skrittura li fiha tnizzel li Lawrence Camilleri u Melvin Theuma dehru li kellhom jiehdu €200,000 minghand il-kumpannija. Ta` li nkiteb dakinhar ma nghatax kopja. Dak il-hin stess tahom ic-cwievet tal-fabbrika. Sostna li meta Theuma sellfu €40,000, beda jigri warajh u jheddu bl-armi. Hadu ghand in-Nutar Bartolomeo Micallef fejn geghlu jiffirma skrittura fejn gie mnizzel li huwa kien debitur lejh ghas-somma ta` €150,000.

"**<u>L-attur</u>** spjega illi huwa kien ittiehed ghand dan l-istess nutar biex issir skrittura ohra biex jidher ghall-kumpannija flok f`ismu personali izda n-nutar irrifjuta. Ittiehed go flat il-Mosta ta` Melvin Theuma u hemm kien mhedded biex joqghod ftit tal-granet f` dak il-flat u jsiefer lejn l-Ingilterra. Fil-frattemp, Theuma rega` hadu ghand avukat u geghlu jiffirma skrittura ohra li tal-€120,000 li kien ghad fadal jaghtih, Theuma seta` jithallas b` ghodda mill-fabbrika u xi vetturi. Intant sar jaf li l-konvenut, Theuma u Lawrence Camilleri kienu hadu l-ghodda kollha mill-fabbrika. Spicca ddisprat u mar l-Ingilterra sakemm ikkalmaw l-affarijiet. Kif gie lura Malta inghata parir li jipprocedi bil-kawza tal-lum. Spicca f`sitwazzjoni fejn il-kumpannija spiccat bla assi ghaliex l-ghodda u l-affarijiet ta` gewwa haduhom il-konvenut, Theuma u Lawrence Camilleri u baqa` rinfaccjat bid-djun kollha tal-kumpannija. Il-konvenut, Theuma u Lawrence Camilleri ghalqu l-fabbrika fl-1 ta` Gunju 2009.

"Fil-**<u>kontroezami</u>**, l-attur ikkonferma li huwa ssellef f` isem il-kumpannija minghand HSBC Bank Malta plc. Il-€200,000 dejn li l-konvenut kellu jibqa` jaghmel tajjeb ghalihom, kienu kollha dejn tal-kumpannija. Qal li kien hemm €186,000 dejn tal-kumpannija u madwar €18,000 dejn personali, ghal liema dejn kien qed jaghmel tajjeb il-konvenut, liema dejn thallsu mill-konvenut. Ikkonferma li kien hemm parti mid-dejn ma` l-HSBC li kienu fuqu. Qal li lejn l-ahhar zmien li kienet qed topera l-fabbrika, bhala direttur ta` St Philip Caterers Ltd, kien talab excess facility ta` €40,000. Meta ghamel dik it-talba, hu u l-konvenuti kienu ghadhom diretturi. Insista li l-konvenut u Lawrence

Aquilina kienu jafu li kien ser jgib l-excess facility tant li kienet saret board resolution ghal dan il-ghan. Sostna li mill-fabbrika huwa ma ha xejn. Ma kellux kopja tar-resolution. L-affarijiet tal-fabbrika haduhom il-konvenut u Lawrence Camilleri.

"**L-attur** stqarr illi huwa ma pprezentax lill-bank ir-rizoluzzjoni. Tkellem ma` certa Monica tal-bank li taghtu l-excess facility ghal tlett xhur. Huwa biss iffirma d-dokumenti tal-bank. Sostna li meta sar il-ftehim fuq is-share transfer, hallas lill-konvenut €81,500 ; minnhom €36,000 kienu flus kontanti. Kien biss meta thallas l-ahhar ammont li saret l-iskrittura. Din saret wara li l-konvenut kien diga` nghata cekkijiet li ssarrfu u anke flus kontanti. Qatt ma saret ricevuta tal-hlasijiet li ghamel favur il-konvenut. Meta saret l-iskrittura ghand l-Av. Brincat, huwa ta c-cavetta lill-konvenut, lil Melvin Thuema u lil Lawrence Camilleri bl-intendiment li ser jiehdu hsieb d-dejn ta` €200,000 mal-HSBC, id-dejn ta` €120,000 ma` Melvin Theuma u d-dejn ta` €80,000 ma` Lawrence Camilleri. Ic-cekkijiet li kienu jaghmlu parti mill-€81,500 issarrfu. Kien il-konvenut li heddu u geghlu jitlaq minn Malta. Meta gie lura mill-Ingilterra, il-konvenut u Lawrence Camilleri tawh parir biex isiefer u ma jergax lura Malta qabel 15-il sena. Kien il-konvenut li hallaslu l-biljett ta` l-ajru biex jigi lura Malta mill-Ingilterra.

"**Alfred Camilleri** li jigi hu l-attur xehed illi l-attur kien impjegat ma` St Philip Caterers Limited. Wara dahal bi shab fil-kumpannija mal-konvenut. Spiss l-attur kien jilmenta mill-fatt li filwaqt li huwa kien dejjem ikun fil-fabbrika,il-konvenut ftit li xejn kien ikun hemm. L-attur qallu li kien ippropona lill-konvenut li jhallsu €81,525 biex jixtri l-ishma tal-konvenut bil-konvenut jibqa` jaghmel tajjeb ghas-self li kellha l-kumpannija mal-bank ghal zmien hames snin. Fil-fatt kien mal-attur meta saret l-iskrittura bil-ftehim ta` bejniethom u meta l-attur hallas il-€81,525. Il-flus thallsu in parti fi flus kontanti, in parti f`cheques li l-attur kien ircieva minghand klijenti tieghu u parti b`cheque tal-kumpannija. Il-konvenut ma riedx ighid lill-accountant tal-kumpannija Lawrence Camilleri li kien ser idahhal somma hekk kbira billi kellu jaghtih il-flus. Ghalhekk talab lill-attur biex issir skrittura ohra fejn l-ammont jidher fil-figura ta` €53,375. Il-konvenut qal ukoll lill-attur li s-share transfer kellu jsir xi xahar u nofs wara.

"**Alfred Camilleri** kompla jixhed li beda ghaddej iz-zmien u l-attur beda jithasseb ghaliex il-konvenut kien qed joqghod lura milli jiffirma s-share transfer. F`certu punt, il-konvenut qal lill-attur li jekk ma jhallsux €70,000 ohra ma kienx ser jiffirma. L-attur kien inkwetat ghax ma setax johrog dik is-somma kollha. Xi zmien wara l-attur mar ghandu nkwetat wara li kien wasslu David Gauci d-dar tieghu biex igib xi flus. L-attur qallu li kien hemm il-konvenut, Lawrence Camilleri u certu Melvin Theuma l-fabbrika li nsistew mieghu biex ikecci l-haddiema kollha, jaghtihom ic-cwievet u jcedilhom kollox. L-attur kien inkwetat ghaliex il-haddiema riedu jithallsu. Huwa ta parir lill-attur biex jahseb ghal rasu u jara kif ser isolvi l-problema ma` dawk it-tlieta, izda l-attur baqa` jinsisti

li l-lavranti ma kellhomx x` jaqsmu. Huwa wasslu l-fabbrika biex ihallas lill-lavranti u li meta wasslu, ra lil dawk it-tlieta jistennnew.

"**Alfred Camilleri** xehed illi l-konvenut qatt ma thallas b`cheque minn tieghu. Ighid li kellu cheque book kien tal-hanut li kellu l-Hamrun u kien ihalli xi cekk iffirmat ghal li jista` jinqala`. Meta ghalaq il-hanut, ghalaq il-kont u l-attur gabar kollox u hadhom il-fabbrika peress li l-attur kien ghenu jzarma l-hanut. Ic-cheque book tieghu spicca ghand il-konvenut meta ha c-cavetta tal-fabbrika minghand l-attur.

"**Peter Saffrett** xehed illi huwa kien jaf lill-attur peress li kien impjegat ma` St Philip Caterers Ltd. Huwa hareg mill-kumpannija u floku dahal l-attur. Meta l-attur fissirlu minn xiex ghadda, huwa ma kienx sorpriz peress li anke mieghu l-konvenut mexa hazin. Huwa sar jaf lill-konvenut meta dan kellu restaurant bl-isem St Philip Restaurant, Haz-Zebbug. Dahal jahdem mieghu part time bhala pizzar. Wara xi zmien, ftehmu li jaghmlu kumpannija bi shab u xtraw in-negozju ta` Mario Kitcher ossija il-King Caterers. Il-ftehim kien jinvolvi prezz ta` LM105,000 li thallas nofs minn kull wiehed. Kienu marru l-Bank of Valletta ; huwa ha self ta` Lm50,000 fuq id-dar, mentri lill-konvenut ha self ta` Lm20,000 jew Lm25,000 fuq gnien li kellu peress li fuq id-dar diga` kellu d-dejn. Il-bilanc li kellu jithallas lil Kitcher kien ser isir permezz ta` plot valutata fl-ammont ta` Lm35000 li kellu l-konvenut. Eventwalment skopra li l-konvenut kien qed imur ma` Kitcher ghand in-nutar u ftehmu b`mod differenti. Ir-rizultat kien illi spiccaw wehlu hafna interessi u kellhom jhallsu lil Kitcher xi Lm10,000 ohra.

"**Peter Saffrett** kompla ighid illi l-ftehim kien li huwa jahdem fil-fabbrika jaghmel l-ikel u l-konvenut jamministra l-ufficcju u jiehu hsieb il-flus. Huwa dejjem qal lill-konvenut biex l-accounts jsiru kull xahar halli jkunu jaf kif kienu sejrin. Gara li l-accounts qatt ma saru u ghalkemm kien ikollhom hafna xoghol, huwa ma kienx jara flus tant li ma kienx jiehu paga jew jiehu xi haga zghira. Meta kien isemmilu l-bolol tal-haddiema u l-kontijiet, il-konvenut kien jghidlu li kollox qed jithallas. Safrattant il-kumpannija biddlet tlett awdituri fuq perijodu ta` tlett snin. Il-kumpannija kellha fabbrika, hanut ir-Rabat u hanut Haz-Zebbug. Darba l-konvenut talbu jiffirma karta sabiex missieru jwaqqa` l-hanut ta` Haz-Zebbug ghax kien xtara xi bicca ma` genbu u b` hekk jibni minflok il-hanut. Staqsa jekk il-hanut kienx ser jibqa` tal-kumpannija u l-iehor wiegeb fl-affermattiv ; ghalhekk iffirma. Il-konvenut qallu li kienet se skrittura privata ohra, li pero` baqghet ma saritx. Il-proprjeta` giet zviluppa, sar hanut izda l-kumpannija qatt ma hadet xejn minnha.

"**Peter Saffrett** stqarr illi huwa qatt ma ra flus. Il-konvenut kien jghidlu li ser imur jissellef flus minghand terza persuna izda huwa qatt ma ra dawk il-flus u lanqas ma ltaqa` ma` dik it-terza persuna. Il-konvenut kien jghidlu li dawk il-flus kienu qed jithallsu minn ommu u kienu qed jinqatghu mix-xoghol li l-kumpannija kienet taghti lil ommu. Izda sostna li huwa qatt ma ntwera xejn u kulma kien jara kien il-flus jonqsu. Il-flus tal-hanut tar-Rabat suppost kienu jitnizzlu kuljum il-fabbrika. Darba

nizel l-ufficcju ghax mar tal-halib u ried jithallas u meta staqsa lill-konvenut fejn kienu l-flus tar-Rabat, qallu li kien hemm problema ghax il-flus ta` dak il-hanut kienu qed jigu mpustati ghand Odette Galea li kienet impjegata mal-kumpannija. Din qalet li kienu serqulha l-flus minn gol-letter box. Huwa rrimarka li l-flus tal-kumpannija ma kellhom joqghodu jigru ghand in-nies u cempel lil Frank Galea impjegat iehor biex il-flus jibda jnizzilhom hu l-ufficju.

"**Peter Saffrett** kompla jixhed illi darba minnhom il-konvenut siefer fuq dahar il-kumpanija biex imur fiera tal-catering u ha lil Odette Galea, fejn kien nefaq hafna flus minghajr ma raddhom lura. Il-konvenut qatt ma kien ikun l-ufficcju u kien dejjem jigri b` xi karozza lussuza u jhalli f` idejn l-impjegati, mentri hu kien dejjem jahdem. Darba minnhom il-konvenut qal li kellu hsieb jitlaq il-kumpanija jekk jiehu l-hanut tar-Rabat u Lm90,000 dejn tal-kumpannija. Post il-konvenut kien se jiehdu l-attur. Meta vverifika l-affarijiet, sab li kien hemm aktar djun u s-sitwazzjoni ma kenitx kif il-konvenut qal li kienet. Il-konvenut qatt ma tah prova tad-dejn ta` Lm90,000. Kien hemm arretrati ta` Lm32,000 f` bolol tal-lavranti u somma qawwija f`arretrati ta` dawl. Kien hemm ukoll agenti x`jithallsu u kont qawwi ta` arretrati ta` VAT. It-taxxa u s-self tal-bank ma kienux qeghdin jithallsu. Mis-self ta` Lm50,000 li kien ghamel u li suppost il-konvenut kien qed jaqta` bil-qliegh li kien qed isir, ic-cifra baqghet l-istess. Ghalhekk spicca jargumenta mal-konvenut. Malli semmielu l-hanut ta` Haz-Zebbug, il-konvenut kien pront infurmah li l-karta li kien iffirma kienet fis-sens li dan inghata lil missieru. Tkellem wkoll ma` l-awditur Lawrence Camilleri u spicca rrizenja mill-kumpannija filwaqt li ha Lm30,000 dejn mieghu u l-kafeterija ta` Haz Zebbug li kellha ftit li xejn bejgh. Hareg bit-telf. Meta spicca hu, Lawrence Camilleri rrifjuta li jiffirma l-accounts tal-kumpannija ghax ra t-tahwid. Spicca ffirmahom Jeremy Gambin. L-attur dahal minfloku fil-kumpannija.

"**David Gauci** xehed li huwa kien impjegat bhala manager ma` St Philip Caterers Ltd bejn Marzu 2009 sa Gunju 2009. L-interview tieghu saret minn Lawrence Camilleri li allu li kellu jiehu hiseb l-accounts tal-kumpannija. Mill-bidu ta` l-impjieg tieghu, induna li kien hemm mismanagement serju. Fost ohrajn, ma kienx hemm kontroll tal-istock ; lanqas kien hemm track tax-xoghol li kien johrog u kien hemm sitwazzjoni fejn il-haddiema kienu qed jiehdu l-ordnijiet mill-fabbrika minghajr ma jkun hemm supervizjoni ta` x`inhu hiereg. Fiz-zmien li qed ighid il-partijiet kienu bi shab ; l-attur kien ikun jahdem il-fabbrika ; u l-konvenut ma kienx ikun kontinwament prezenti. Jaf li l-partijiet ftehmu li l-attur kellu jixtri s-shares ta` l-konvenut fil-kumpannija, izda minkejja li kienu ftehmu, il-konvenut xorta kien imur hemm xi ftit. Wara ftit beda jara lill-konvenut jiehu over f`dak li jirrigwarda l-flus tal-kumpannija, u kellu lil Lawrence Camilleri mieghu.

"**David Gauci** fisser illi l-kumpannija kellha zewg main outlets : hanut ta` omm Aquilina go Haz Zebbug ; u hanut iehor fir-Rabat. Il-konvenut u Lawrence Camilleri kienu izommu l-flus minn dawn l-outlets. Lilu kienu jaghtuh flus kemm jixtri l-materjal biss. Hu u segretarja Raisa

Borg nghataw zewg cashboxes. Hu kellu struzzjonijiet minghand il-konvenut u Lawrence Camilleri biex l-flus li jaghtuh jaghmilhom fil-cashboxes. Il-cashbox ta` Raisa Borg kienet timtela bi flus ta` hlasijiet li jsiru min-nies jew hlasijiet li jkun gabru d-deliverymen tal-kumpannija. Hu kien jaghti rendikont separat lill-konvenut u lil Lawrence Camilleri. Fil-presenza tieghu, Raisa Borg kienet tghaddi l-flus li tkun gabret lill-konvenut ; imbaghad il-konvenut u Lawrence Camilleri kienu jaghtuh xi ftit minn dawk il-flus biex jixtri l-materjal. Il-flus li kien qed jinghata ma kinux iservu. L-attur kellu ftehim ma` certu agenti li jhallashom ammonti fil-gimgha. Peress li l-attur ma kienx qed jinghata flus, kienu jmorru jargumentaw mieghu diversi mill-agenti. Darba minnhom, il-konvenut u Lawrence Camilleri laqqghu l-haddiema kollha u infurmawhom li l-attur kien id-direttur fil-kumpanija izda ma kienx se jiehu hsieb il-flus.

“**David Gauci** kkonferma li fl-1 ta` Gunju 2009, il-konvenut kellu jgib flus mill-hanut ta` ommu u minn hanut iehor ir-Rabat biex minnhom jithallsu l-haddiema. X`hin gew il-haddiema biex jithallsu, il-konvenut qal li kien avza lill-attur li ma kienx gab flus. Fil-fatt l-attur ma kellux flus ghaliex kien qed jistenna l-flus mill-hwienet u ghalhekk l-lavranti bdew jipprotestaw. L-attur ippanikja u hu stess wasslu d-dar biex igib xi flus minn tieghu u wara wasslu ghand huh Alfred Camilleri. Wara mar lura hdejn il-haddiema fejn il-konvenut u Lawrence Camilleri kienu mlew it-termination forms tal-haddiema. Gie l-attur u hallas xi haddiema. Huwa personalment ma kienx thallas il-paga kollha; fil-fatt kien fadallu jiehu €700. Ikkonferma li meta telaq hu mill-fakkrika, kien hemm il-partijiet, Lawrence Camilleri u Melvin Theuma.

“**Arthur Briffa** xehed illi huwa kien jaf li l-partijiet kienu diretturi ta` St Philip Caterers Limited. L-attur kien avvicinah u qallu li kien ftiehem biex jixtri shares tal-kumpannija minghand il-konvenut u kellu bzonn ta` €70,000. L-attur ippreciza li mal-konvenut li kienu ftehmu prezz izda imbaghad il-konvenut ried €70,000 aktar. Ix-xhud issuggerixxa li huwa jaghti zewg flats u penthouse fil-Fgura lill-konvenut u jhallsu d-differenza ; imbaghad jirranga ma` l-attur dwar is-€70,000. Huwa stima dik il-proprjeta` fl-ammont ta` €279,524. Marru fuq il-post, il-partijiet u Lawrence Camilleri izda ma ntlahaqx ftehim ghax il-prezz mitlub rawh gholi. Il-konvenut qal li kien bzonn ta` l-flus u ried ibiegh proprjeta` li kienet qed iservi ta` garanzija mal-bank ghas-self li kellha St Philip Caterers Ltimited. Ghal dan il-kliem tal-konvenut, kienu prezenti biss, ix-xhud u l-konvenut.

“**Av. Dr. Matthew Brincat** xehed illi l-partijiet ma kienux klijenti tieghu. Melvin Theuma kien il-klijent tieghu. Dan mar l-ufficcju tieghu flimkien mal-partijiet. Saret skrittura ghaliex il-partijiet kienu debituri tal-klijent tieghu li kien ser jithallas b`magni jew apparat. Fl-iskrittura kien kwantifikat l-ammont u sar inventarju ta` affarijiet. U kienet iffirmata. Il-klijent tieghu ried li l-ftehim ighodd jekk jiehu pussess effettiv ta` l-affarijiet. L-iskrittura thalliet ghand ix-xhud. Hadd ma talab kopja. Waqt il-weekend ittiehdu xi affarijiet Xi zmien wara mar ghandu l-klijent ghall-original tal-iskrittura. Huwa ma zammx kopja. L-attur mar l-ufficcju

tieghu ma` persuna ohra u talbu l-iskrittura izda huwa infurmah li ma kellux kopja ta` taghha. Jaf li sar rapport kontra tieghu u anke nbdew proceduri quddiem l-Kummissjoni ghall-Aministrazzjoni tal-Gustizzja. Ikkonferma li l-iskrittura kienet saret. L-attur iffirma l-iskrittura mentri l-konvenut ma ffirmax.

"**Antoine Borg** xehed illi huwa jahdem supervisor go fabbrika u part time ghal rasu fl-apparat ta` l-airconditioning. Kien avvicinat mill-konvenut biex imur jaqla` xi apparat ta` airconditioning minn go l-fabbrika ta` St Philip Caterers Limited. Fil-fatt f`Gunju 2009 mar u nehha xi tlett airconditions u hallihom hemmhekk. Halla l-muturi ta` barra fuq il-bejt peress li biex jingarru kien hemm bzonn ta` vettura tat-tip high up. Huwa thallas mill-konvenut. Dakinhar jaf li ra hafna nies inhottu l-apparat li kien hemm. Fuq il-post huwa ma rax lill-attur. Ma kienx jaf min kienu n-nies li ra fuq il-post. Ikkonferma li gieli mar jaghmel xoghol ta` manutenzjoni fuq apparat li kien hemm fil-fabbrika. Ma jafx ghal liema raguni inghata struzzjonijiet biex jaqla` l-airconditions. Huwa ma kienx jaf lil Lawence Camilleri ; lanqas lil Melvin Theuma.

"**Ruth Seychell** credit officer mal-HSBC Bank Malta plc xehdet illi kien hemm seba` cheques li nhargu minn St Philip Caterers Ltd u Antoine Camilleri f` ismu personali a favur ta` Jason Aquilina. Ic-cheques issarrfu kollha hlief wiehed : dak bin-nru 251 ghal €10,000 li hareg Antoine Camilleri. Meta fuq wara jkunvojt, ifisser li l-ammont tac-cheque ikun gie akkreditat go kont. Il-bank ma jkollux referenza ghalxiex ikun jikkorrispondi l-pagament.

"**Odette Galea** xehed illi kienet taf lill-konvenut ghal xi disa` snin peress li kellha relazzjoni mieghu li ntemmet xi sitt xhur ilu. Kienet tahdem mieghu u kienet tkun taf x`kien ghaddej fil-kumpannija St Philip Caterers Limited. Il-konvenut ftit li xejn kien ikun fil-fabbrika. Darba l-attur sejjah lill-konvenut biex jitkellmu u l-konvenut qalilha li ser jiehu tnejn min-nies li lesti jaghtu xebgha lill-attur. Dan kien fiz-zmien meta l-partijiet kellhom l-inkwiet bejniethom. Dan il-fatt saret tafu fiz-zmien meta nghalqet il-fabbrika. Il-konvenut qalilha li l-konvenut kien cempel lill-avukat tieghu li tah parir biex ma jmurx l-ufficcju ; b`hekk Camilleri ffranka xebgha.

"**Odette Galea** spjegat li l-flus tal-kumpannija ma kinux problema ghax hi l-konvenut kienu jsiefru flimkien u kien dejjem jghidilha li flus ma kienux problema. Hija qatt ma hallset xejn kull meta siefret ma` l-konvenut. Spjegat li anke meta kienu jmorru jieklu barra, il-bwiet tal-konvenut kienu dejjem mimlija flus. Meta kienu jsiefru, Aquilina kien ikollu flus kontanti jew visa ghalkemm ma tafx il-card f` isem min kienet. Dwar is-share transfer, Aquilina kien qalilha li ried iwahhlu lill-attur ghax ma kienx ser jaghmel it-trasferiment tal-ishma ghal fuq l-attur. Taf li lill-attur kien iweghdu li t-trasferiment kien se jsir. Aquilina kien qalilha li minghand Antoine Camilleri kien thallas xi Lm25,000 ghal dak is-share transfer. Il-hsieb ta` Aquilina kien li jqaccat lill-attur `il barra biex ikomplu

jahdmu hu u l-awditur Lawrence Camilleri. Aquilina kien jghidilha li jahseb li l-attur qed jittradih f` certu affarijiet u li ma kienx kapaci jmexxi ; ghalhekk ried ikeccih.

"**<u>Odette Galea</u>** qalet illi Aquilina kien cemplilha biex titla` xhud biex tghid li meta siefru, il-flus ma kinux dawk tal-kumpanija. Hija hassitx li setghet titla` tixhed dak li mhux veru. Qalet illi l-flus mill-hwienet kienu jingabru minn Antoine Camilleri izda imbaghad fl-ahhar kien beda jigbor kollox Aquilina u jehodhom hu.

"Fil-**<u>kontroezami</u>**, Odette Galea sostniet li wiehed mill-persuni li Aquilina kien ha mieghu biex jaghtu xebgha lill-attur kien certu David minn Hal-Qormi. Aquilina kien jghidilha li l-flus li kienu jsiefru bihom kienu tal-kumpannija. Mhux l-ewwel darba li fil-presenza taghha l-konvenut gabar flus mill-hanut u zammhom ghandu. Il-flus kien juzahom biex jiddeverti maghha u ma` nisa ohra. Maghha barra il-konvenut dejjem hallas bil-cash. Is-somma ta` Lm25,000 kienet l-ahhar hlas li kien baqghalu jithallas il-konvenut biex jaqleb is-shares fuq l-attur. Il-hlas ma sarx fil-presenza taghha.

"Ix-xhud qalet illi wara li kisru r-relazzjoni ta` bejniethom, Aquilina baqa` jippersisti u jcemplilha. Cahdet li qatt baghtet messaggi lil Aquilina fejn qaltlu li ser tixhed falz favur Antoine Camilleri. Dwar il-kawza qatt ma kellimtu. Meta Aquilina kien hazin ma` l-attur, kien mar jiccekja fuq l-life insurance tieghu halli jara jekk kinitx imhallsa kollha ghax il-konvenut ried jehles mill-attur biex ikun clear minn kollox. Il-konvenut qalilha li l-polza kienet ilha ma tithallas xi sentejn.

"**<u>Il-konvenut</u>** xehed illi huwa azzjonista ta` St Philip Caterers Limited. Peter Saffrett kien l-azzjonista l-iehor li pero` biegh l-ishma tieghu lil Antoine Camilleri. Ghal xi zmien kien ukoll direttur pero` irrizenja. Direttur baqa` Antoine Camilleri. Meta dahal Antoine Camilleri, in-negozju tal-kumpannija kien ta` dolcerija. Meta l-attur akkwista l-ishma ta` Saffrett, il-konvenut kien ghamillu tajjeb bhala garanti sabiex seta` jiehu self ta` Lm72,000 mill-HSBC. L-attur beda jhallas is-self u l-ammont li huwa kien baqa` jiggarantixxi nizel ghal €18,489.32. L-ammont spicca hallsu hu meta l-attur waqaf ihallas il-pagamenti. Hu u l-attur kienu garanti in solidum ta` dejn li l-kumpannija kellha ma` HSBC. Huwa hallas €186,356.14c fil-kuntratt tat-18 ta` Dicembru 2009. Spjega li Antoine Camilleri qatt ma hallsu ta` sehmu minn dak id-dejn minkejja li talbu kemm-il darba. Fil-kawza l-ohra, il-konvenut talab il-hlas ta` €93,178.07c flimkien ma` interessi. Biex ghamel dak il-hlas, kellu jiehu self f`ismu.

"**<u>Il-konvenut</u>** kompla jixhed illi Antoine Camilleri ha t-tmexxija tan-negozju fl-2006. Kellu paga ta` Lm200 fil-gimgha filwaqt li huwa kien jiehu Lm50 fil-gimgha. Fl-2008 Antoine Camilleri kellmu biex jixtri sehem il-konvenut fil-kumpannija. Huwa accetta li s-sehem tieghu jinbiegh ghal €53,375, liema ammont kien jirrifletti dak li huwa kellu pendenti mal-kumpannija bhala shareholders` loan. Dan gara meta l-

kumpannija kienet sejra tajjeb. Il-prezz baqa` qatt ma thallas u ghalhekk is-share transfer baqa` qatt ma sar. Cahad dak li sostna l-attur illi huwa kien effettivament thallas tas-share transfer. Ir-relazzjoni tieghu mal-attur iddigenerat u beda jissuspetta li Antoine Camilleri ma kienx qed ikun onest fil-gestjoni tan-negozju. Kien qed jigi avvicinat minn nies li kienu qed jghidu li kellhom jiehdu mill-kumpannija ghax selfu flus lill-attur li kien ighid li kien qed jissellef ghall-kumpannija. Huwa semma fost dawn in-nies lis-sid ta` l-istabbiliment Mucho Gusto, George Psalia, Toni Scicluna, certu Fredu, Ccrtu Clayton kif ukoll Melvin Theuma. Fl-2009 l-attur caqlaq l-ufficcju ghall-ewwel sular tal-fabbrika sabiex jevita lin-nies.

"**__Il-konvenut__** kompla jixhed illi huwa kien affronta lill-attur b`dan izda baqa` ma ta l-ebda spjegazzjoni konkreta. Kien ighid li ser jirranga bil-flus li kien wiret u li kienu marbutin b` interessi mhux normali. Kien jitlob lill-attur biex jara l-accounts tal-kumpannija izda l-attur qatt ma urieh xejn. Fl-2009 gie nieqes il-kompjuter fejn kienu jinzammu l-accounts tal-kumpannija. Fl-2008, l-attur mar il-bank u ghamel excess facility ta` €40,000 fuq il-kont tal-kumpannija minkejja li sa dak iz-zmien, il-konvenut kien ghadu direttur tal-kumpannija.

"**__Aquilina__** cahad li huwa kien talab lill-attur €70,000 ohra minhabba li kien skopert mal-bank kontra garanzija b`dak l-ammont. Kellu dokument fejn il-bank kien qed jistma penthouse b` valur ta` €229,500 u garage ghal €16,000 ohra ; il-garanzija li semma Antoine Camilleri kienet ben koperta b` dawk l-assi. Is-€70,000 kienu l-bilanc skorrut fuq l-overdraft u loan repayments tal-kumpannija li l-attur naqas li jhallas lill-bank. Il-bank ried li sabiex hu jbiegh il-proprjeta` li biha kien qed jaghmel tajjeb ghad-djun tal-kumpannija, kellhom l-ewwel jithallsu €70,000 li kienu pendenti.

"**__Aquilina__** cahad ukoll li huwa kellu jaghmel tajjeb ghal-loans u overdrafts tal-kumpanija mal-HSBC ghal hames snin peress li skond il-ftehim tat-8 ta` Dicembru, huwa ntrabat li jibqa` jaghmel dan ghal sentejn. Fl-2007 Alfred Camilleri, hu l-attur, kien fetah stabbiliment bl-isem St Philip Confectionery fil-Hamrun u ha makkinarju tal-kumpannija St Philip Caterers Ltd. Sar ftehim fis-sens li Alfred Camilleri jixtri biss minghand il-kumpannija bhala kumpens ghal dan il-makkinarju u jhallas LM5000. Dawn il-Lm5000 baqghu ma thallsux. Antoine Camilleri kien qallu li kien hallas Lm27,000 dejn ta` huh Alfred Camilleri. Fir-rigward ta` Arthur Briffa, spjega li dan ltaqa` mieghu ghax Antoine Camilleri kien qallu li ghandu jiehu xi flus minghandu. L-attur kien urieh karta b`lista ta` figuri u dati ta` meta allegatament kellhom jithallsu dawk l-ammonti. L-attur kien ippropona li minflok il-flus jittrasferixxi lil Antoine Camilleri blokka ta` tlett appartamenti l-Fgura. L-attur talbu biex flimkien ma` Lawrence Camilleri jmorru jaraw il-propjeta` u jaghtu parir dwar il-valur taghha. Billi l-istima ta` Briffa kienet ridikola, huwa ta parir lill-attur biex ma jaccettax.

“**Aquilina** kkonferma li huwa minnu li l-flus li kienu jithallsu mill-hwienet tar-Rabat kienu qed jinzammu minn Raisa Borg u David Gauci. Dan kien isir biex ikun hemm bizzejjed flus halli l-kumpannija tkompli topera ghax l-attur kien qed juza l-flus tal-kumpannija biex ihallas djun personali tieghu. Antoine Camilleri kien jghid li l-hanut gestit minn omm il-konvenut kellu jaghti Lm10,000 izda meta jsir tqabbil tar-ricevuti mal-invoices jirrizulta li l-bilanc kien ferm anqas u kien jammonta biss ghal LM2000. Meta talab spjegazzjoni dwar fejn marru LM8000, baqa` bla risposta. Antoine Camilleri wkoll hallas tad-dejn li kien ghamel mas-sid ta` l-istabbiliment Mucho Gusto b` xoghol tal-kumpannija minghajr ma` qatt iddahhlu l-flus fil-kumpannija.

“Dwar il-laqgha li saret fl-2009 ma` Melvin Theuma fil-fabbrika, il-konvenut cahad li Theuma hareg xi revolver. Theuma kien prezenti biex jara x` ser jiehu mill-fabbrika bhala hlas ghal flus li kien sellef. Theuma kien qal li kellu jiehu xi €120,000 u kien wasal f` arrangament ma` l-attur li jiehu l-makkinarju li kien hemm fil-fabbrika. Huwa qatt ma ha l-ebda ghodda u makkinarju mill-fabbrika u lanqas qatt ma ha lil Camilleri go appartament fil-Mosta. L-attur mar l-Ingilterra biex jahrab il-herba li ghamel u biex jevita lill-kredituri tieghu. Darba kien cempillu biex jitolbu l-ghajnuna u li huwa kien qallu li lest li jghinu jekk behsiebu jigi lura Malta. Huwa hallaslu l-biljett ta` l-arju biex ikun jista` jirritorna Malta. F`Awissu 2009 cempillu Lawrence Camilleri u qallu li kellmu Antoine Camilleri li xtaq jiltaqa` mieghu. Huwa mar ma` Lawrence Camilleri u Antoine Camilleri kien qal li behsiebu jirranga kollox u li kien ser ifittex lil Melvin Theuma ghad-danni peress li dan kien ha l-makkinarju tal-kumpannija.

“Fil-**kontroezami**, il-konvenut ikkonferma li huwa qatt ma ra lil Antoine Camilleri jhallas kredituri tieghu mill-flus tal-kumpannija. Huwa spjega li prova cara li ntuzaw flus tal-kumpannija biex thallsu l-kredituri tal-attur hija li Paul Buttigieg kien qallu kif ser jibqa` fuq l-ammont ta` €70,000 li Antoine Camilleri kien issellef u li qal li kien issellef f` isem il-kumpannija. Buttigieg kien ghamel il-verifiki tieghu u nfurmah li kien qed jithallas qabel ma` ghalqet il-fabbrika bi prodotti mid-Dolceria. Huwa rrisponda lil Buttigieg li ma kien jaf xejn u li ma kien hemm l-ebda firma tieghu. Huwa ma regax ra aktar lil Buttigieg. Kienu jmorru bosta nies il-fabbrika fosthom Melvin Theuma biex jithallsu tal-krediti taghhom. Dawn in-nies qatt ma urew karti. Aquilina sostna li huwa ma kienx jaf x` qed jigri fir-rigward tat-tmexxija peress li dik kienet fdata f`idejn Antoine Camilleri, bl-assistenza ta` Lawrence Camilleri bhala financial advisor.

“**Aquilina** kkonferma li ma` Lawrence Camilleri kien dejjem f`relazzjoni tajba. Sostna li Lawrence Camilleri kien dejjem jilmenta li Antoine Camilleri ma kienx qed jaghtih il-karti necessarji sabiex jinghalqu l-accounts. Huwa sostna li sabiex issir share transfer, l-MFSA tirrikjedi li l-accounts jkunu provduti. Huwa kkonferma li Lawrence Camilleri ma kienx l-awditur tal-kumpannija izda kien ikun fil-fabbrika u kellu access ghad-dokumenti tal-kumpannija. Huwa kkonferma li ghal ftit zmien kienet tahdem ma` Lawrence Camilleri. Kien biss ss meta induna bil-

problemi f`Jannar 2009 illi nghataw struzzjonijiet biex il-flus jinzammu minn Raisa Borg u David Gauci. Bil-flus, kellu jinxtara l-materjal biex jibqa` ghaddej l-operat tal-kumpannija. L-ebda bilanc ma kien qed jifdal minn dawk il-flus peress li kien hemm hafna ammonti x` jithallsu.

"**Aquilina** sostna li huwa ha biss bejn €15,000 u €18,000 Ewro minghand Antoine Camilleri izda dawn kienu hlas lura ta` self li kien tah Aquilina biex Camilleri seta` jixtri sehem it-tfajla tieghu tal-post li kellu Hal Qormi u hlas lura ta` ammonti li hallas Aquilina ghan-nom ta` Antoine Camilleri in konnessjoni ma` bejgh ta` penthouse go Haz Zebbug. Huwa sostna li ma kien dahhal xejn mill-€35,000 bhala sehmu mill-kumpannija. Is-somma ta` €35,000 kienet gejja mis-shareholders` loan ; is-sehem tieghu kien ghad fadal kien ta` xi LM25,000. Minn dan l-ammont, thallas festin li kien sar lil ibnu u kien ghalhekk fadal l-ammont ta` xi Lm23,000. Aquilina kkonferma li ma kienx hemm flus biex jithallsu l-haddiema. Cahad li nehha makkinarju mill-fabbrika. Dak il-makkinarju hadu Melvin Theuma sabiex jithallas il-kreditu tieghu.

"**Lawrence Camilleri** xehed illi huwa kien l-awditur ta` St Philip Caterers Limited bejn Novembru 2002 u sal-31 ta` Dicembru 2004. Wara dik id-data, huwa ma setax ikompli fil-kariga ta` awditur ghax kien ghamel negozju ma` Jason Aquilina u terzi persuni u ghalhekk kien tilef l-indipendenza tieghu bhala awditur. Fl-2005 intalab mid-diretturi ta` St Philip Caterers Limited biex jkun konsultent finanzjarju ta` s-socjeta`. Huwa ghen biex jigu finalizzati l-accounts tal-2005 u kien insista li qabel ma jitmexxew ghall-audit, dawn kellhom jigu approvati miz-zewg diretturi ta` dak iz-zmien, u cioe` Peter Saffrett u Jason Aquilina. Wara li kienu approvati, ghadda kollox lill-awditur Jeremy Gambin sabiex jaghmel l-audit.

"**Lawrence Camilleri** qal li fl-2006 is-sitwazzjoni bejn Saffrett u Aquilina ddeterjorat u l-BOV kien anke informa lid-diretturi li l-facilitajiet finanzjarji minnu provduti kienu twaqqfu u l-file mar ghand ir-recoveries department tal-BOV. Kien miftiehem li ssir rikostruzzjoni tal-kumpannija u li wiehed mis-shareholders kellu johrog mill-kumpannja. Antoine Camilleri kien wera x-xxewqa li jidhol shareholder u ghalhekk f`Marzu 2006 kien miftiehem li Antoine Camilleri jiehu post Jason Aquilina bhala 50% shareholder u direttur. F`Mejju 2006, Saffrett wera li ma riedx jibqa` shareholder fil-kumpannija ma` Antoine Camilleri u ghlahekk Saffrett ha t-tmexxija assoluta ta` Cafeteria San Filippo, Haz-Zebbug bl-assi kollha flimkien ma` dejn tal-kumpannija ta` LM30,000 u ttrasferixxa s-shares tieghu lil Antoine Camilleri. Jason Aquilina kellu jiehu t-tmexxija assoluta ta` l-istabbiliment St Philip`s Confectionery ir-Rabat flimkien ma`dejn ta` Lm80,000. Antoine Camilleri investa Lm50,000 fil-kumpannija. Sar ftehim ma` L-HSBC biex inghatat facilita` li biha thallsu d-djun li kien baqa` mal-BOV u bilanc biex tkun tista` topera. B`dik ir-rikostruzzjoni, jekk il-kumpannija kellha titmexxa kif suppost, setghet terga` tqum fuq saqajha.

"**Lawrence Camilleri** xehed li f` Ottubru 2006, huwa kien issuggerixxa li jsellef Lm20000 lill-kumpannija kontra l-opzjoni li jakkwista 20% ta` l-ishma mill-50% li kellu Jason Aquilina. Huwa kien dispost juza dik l-opzjoni biss jekk il-kumpannija turi serjeta` assoluta mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u mad-Dipartiment tal-VAT, tant li l-flus ntuzaw biex thallsu arretrati tat-taxxa. Fl-2007 kien jidher li kollox kien miexi b`mod regolari u rega` sellef Lm10,000 lill- kumpannija liema flus intuzaw ghall-miljorament tal-fabbrika u ta` l-ufficini taghha. Fl-2008 ma baqax jigi onorat il-ftehim li kien sar f`Dicembru 2006 mad-Dipartimenti tat-Taxxi Interni. F`Dicembru tal-istess sena, ghamel xi gimghat nieqes mill-ufficcju u meta mar lura lejn l-ahhar ta` dak ix-xahar beda jara li kienu bdew gejjin hafna nies b`atteggjament aggressiv sabiex jithallsu ghal supplies ta` materja prima li allegatament kienu ghamlu lill-fabbrika. Il-flus tax-xoghol ta` Dicembru 2008 ma gewx depozitati fil-kont bankarju tal-kumpannija. Antoine Camilleri kien wieghed li ser ihallas cash izda ma kienx qed ikun il-fabbrika u ghalhekk is-suppliers ma kinux qed jithallsu.

"**Lawrence Camilleri** sostna li kien affronta lil Antoine Camilleri bis-sitwazzjoni u bi kwistjoni dwar flus li kellha tircievi l-kumpannija minghand il-confectionery outlet tar-Rabat. Antoine Camilleri qallu li kien silef flus lil Frank Galea u kien ghalhekk li fuq il-kotba tal-kumpannija dawn kienu ghadhom qed jidhru bhala mhumiex imhallsa. Tkellem ma` Frank Galea li qallu li ma kienx veru u li hu kien hallas lil Antoine Camilleri ghax-xoghol kollu li kien ha mill-confectionery u bi prova urieh l-ircevuti ffirmati mill-istess Antoine Camilleri. Huwa beda jitlef il-fiducja li kellu f`Antoine Camilleri u ried jikkonferma li dak li kien qed jghid Antoine Camilleri kienx minnu fis-sens li l-kumpannija kellha tieghu €23,000 minghand l-confectionery outlet ta` Haz Zebbug. Huwa baghat ghal Maria Dolores Aquilina li kienet tmexxi dak l-istabbiliment. Ghal-laqgha kien hemm prezenti hu, Maria Dolores Aquilina, Raisa Borg, Jason Aquilina u Antoine Camilleri. Meta tqabblu l-figuri, irrizulta li l-bilanc dovut lill-kumpannija kien ta` madwar €5000 u minkejja li l-attur intalab jaghti spjegazzjoni, baqa` ma tax spjegazzjoni.

"**Lawrence Camilleri** spjega li fil-bidu tal-2009 gie rakkomandat David Gauci ghall-kariga ta` General Manager minghand wiehed mis-suppliers. Gauci kien maghzul. Xi zmien wara dan mar ikellmu u qallu li Antoine Camilleri kien qed ihajru jsir shareholder u jinvesti fil-kumpannija. Lawrence Camilleri ta parir lil Gauci biex jizen sewwa s-sitwazzjoni sewwa. F`Marzu 2009, mar ma` l-partijiet u ma` Arthur Briffa biex jaraw blokk appartamenti l-Fgura peress li l-attur kien jghid li ghandu jiehu xi flus minghand Briffa li kienu marbutin b` interessi mhux normali. L-attur kien urieh karta b`lista ta` figuri u dati ta`meta allegatament kellhom jithallsu l-ammonti. L-attur qal li dan Briffa ssuggerixxa li flok il-flus, jittrasferixxi lil Antoine Camilleri dak il-blokk. L-attur talab lilu u lill-konvenut biex jaraw il-fondi u jaghtuh parir fuq il-valur. Il-valutazzjoni ta` Briffa ma kenitx taghmel sens u ghalhekk ta parir lill-attur biex ma jaccettax.

"**Lawrence Camilleri** xehed illi fil-bidu tal-2009 il-fabbrika kien qed ikollha interruzzjonijiet severi u fit-tul fil-provvista tal-elettriku peress li ma kinux qed jithallsu il-kontijiet. Fi Frar 2009, huwa ghadda €6000 lil Antoine Camilleri sabiex tithallas parti mill-pendenza izda minflok il-flus intuzaw ghal xi haga ohra. Bhala l-ahhar tentattiv biex tigi salvata l-kumpannija, kienu ltaqghu huwa, Jason Aquilina, Antoine Camilleri, David Gauci, Melvin Theuma u rapprezentanti ta` l-akbar zewg klijenti tal-kumpannija fejn kien suggeriet fuq studju li ghamel David Gauci, li hu, Jason Aquilina u Melvin Theuma jsellfu € 2000 kull wiehed li kellhom imorru ghall-pagi u ghax-xiri ta` materja prima biss. Dan sar ghaliex il-kumpanija ma kellha l-ebda forma ta` likwidita`. Fil-laqgha kien miftiehem illi kwalunkwe introjtu iehor jigu amministrati minn Raisa Borg u David Gauci taht is-supervizjoni ta` Jason Aquilina. Gauci kellu struzzjonijiet li huwa biss jixtri u jhallas il-materja prima tal-kumpannija. Il-kumpannija ma kinitx baqghet vijabbli peress ma kinitx qed tithallas tax-xoghol kollu li kien hiereg u certu klijenti kienu jghidu li kien qed ipaccu s-self personali li ghamel maghhom Antoine Camilleri kontra deliveries ta` xoghol li huma kienu qed jiehdu mill-fabbrika. Fost dawn kien hemm il-Mucho Gusto ta` Haz Zabbar u confectionery outlet iz-Zejtun. Il-kumpannija ma setghetx tkompli topera u kien deciz li jitwaqqaf l-operat u jigu terminati l-impiegi tan-nies kollha. Dan kien f` Mejju/Gunju 2009.

"**Lawrence Camilleri** sostna li dakinhar li nghalqet il-fabbrika, kienu marru ghand Dr Matthew Brincat peress li Melvin Theuma kien talab li ssir skrittura li tistipola kif kellu jithallas. Ghand l-Av. Brincat marru l-partijiet, Melvin Theuma u hu. Sar ftehim fejn l-apparat kellu jinbieghu u mir-rikavat kulhadd jiehu parti proporzjonali minn dak li kien dovut lilu. Il-ftehim kien iffirmat minnu, minn Theuma u minn Antoine Camilleri bhala direttur ta` St Philip Caterers. Ghalkemm hassu skomdu bil-ftehim hu ffirma xorta. Meta sar jaf li l-ghodda nharget mill-fabbrika, informa lill-partijiet li ma riedx jithallas mir-rikavat ta` l-ghodda u ma riedx ikollu x` jaqsam aktar ma` St Philip Caterers Limited. Halef li qatt fil-prezenza tieghu, ma ntweriet xi arma lil Antoine Camilleri. F`Awissu 2009, Antoine Camilleri talbu jiltaqa` mieghu. Accetta li jiltaqa` mal-attur basta fil-presenza ta` terza persuna u f`post pubbliku. Kien miftiehem li jiltaqghu go ristorant il-Belt fil-presenza tal-konvenut. Fil-laqgha l-attur qal li kien behsiebu pjaci kollox mieghu u mal-konvenut izda fil-fatt baqa` ma hallas xejn.

"Fil-**kontroezami**, Lawrence Camilleri kkonferma li huwa kien ikun sikwit ghand St Philip Caterers Limited. Kien l-awditur taghha bejn 2002 u l-2004. Id-data input ta` kuljum ma kinitx f`idejh. Ikkonferma li kellu relazzjoni tajba ma` l-konvenut. Mal-konvenut, kien jiddiskuti l-lista tad-debituri jew tal-kredituri u li meta s-sitwazzjoni tal-kumpannija baqghet taggrava, id-diskussjonijiet kienu jkunu kontinwu. Huwa nduna li kien hemm problema ta` cash flow kbira wara Dicembru 2008. Il-bank ma setax jonora iktar cekkijiet. Kien hemm cekkijiet li nghataw lilu mill-attur li ma gewx onorati. Ma kinux qed jigu depozitati flus kontra c-cekkijiet li kienu qed jinhargu. Meta staqsa lill-attur dwar dan, huwa

kien jirrispondi fis-sens li l-hanut ta` Haz Zebbug ghadu ma hallasx u li lil tar-Rabat, sellfu xi flus biex jaghmel xi negozju. Insista li dan kollu wassal ghal sitwazzjoni fejn il-kontijiet ma setghux jithallsu specjalment dawk tad-dawl u l-ilma u dana anke wara li hu stess kien rega` ta somma flus ohra lil Antoine Camilleri, ghal liema somma kien tah cekk li ma giex onorat.

"**Lawrence Camilleri** ostna li kien hemm diversi suppliers li Antoine Camilleri weghdhom il-hlas izda baqa` ma hallashomx. Skond studju li ghamel sab illi jekk il-kumpannija tipproduci ammont fil-gimgha, bil-bejgh tkun tista` tibda tirkupra mhux bl-eluf izda bil-ftit biex ghall-inqas tkun tista` tasal f` arrangament mas-suppliers. Sab li kien hemm commitments ma` certu hwienet fejn dawn ma kinux qed ihallsu ghax Antoine Camilleri kien debitur taghhom. Il-fabbrika spiccat f` sitwazzjoni fejn kienet qed tipproduci pero` ma tigborx flus. L-attur ma kienx jikkommetti ruhu meta rinfaccjat.

"Qal li meta l-attur kien qed jithajjar jiehu s-shares ta` Saffrett u jidhol fil-kumpannija, ta parir lill-attur biex joqghod attent peress li l-kumpannija kellha hafna djun. Dak iz-zmien setghu jsiru arrangamenti biex tigi vijabli u tkompli ghaddejja. Meta Antoine Camilleri ddecieda li jidhol fil-kumpannija, saret rikostruzzjoni b` tali mod li l-cafeteria hadha shareholder wiehed, il-hanut tar-Rabat hadu shareholder iehor ; hadu parti mid-dejn maghhom ; hallsu ammont tali hadu parti mill-operat tal-kumpannija u saru arrangamenti mal-bank biex ikun hemm self iehor. Cahad li xoghol l-attur kien manwali. Huwa kien jiehu hsieb l-ordnijiet tal-kumpannija, jara li jsiru d-deliveries, jiltaqa` mas-suppliers u jezamina l-merkanzija. Huwa kien jiltaqa` ma` Antoine Camilleri li kien jitolbu biex jehodlu hsieb hafna affarijiet bhal fost ohrajn biex ikellem lill-haddiema. Cahad li kien imur kuljum fil-fabbrika inkluz f`Dicembru 2008.

"Ikkonferma li huwa kien sellef flus lill-kumpanija bl-ozjoni li semma. Pero` x`hin ra li l-affarijiet ma kinux mexjin kif kien gie progettat, huwa waqqa` l-ozjoni. Huwa nsista li Antoine Camilleri kien qed jissellef flus minn terzi allegatament f` isem il-kumpanija izda dawn il-flus qatt ma dahlu fil-kumpannija. Is-suppliers kienu qed jithallsu b` xoghol tal-kumpannija. Mistoqsi ghala qatt ma saru proceduri legali ghall-hlas jekk kien hemm kontestazzjoni li dawn is-suppliers kellhom ihallsu ghax-xoghol li kienu qed jiehdu, Camilleri spjega li l-attur kien dejjem jghid li dawk id-djun kienu ser jithallsu ghax hu kien wiret somma flus u li ghalhekk kien ser ihallas bihom u b` hekk jaghti l-flus lura lill-kumpannija. It-tifla tax-xhud bdiet taghmel l-input tal-kumpannija peress li l-iskrivan li kien hemm kien spicca f` Gunju 2008. Bintu kienet tipprepara l-karti tas-sales li kien ikun hemm u ricevuti u karti ohra li kien jaghtiha l-attur. Meta agenmt kien ihallas, kienet tinputtja d-dettalji.

"Ikkonferma li Antoine Camilleri kien accetta li fl-ahhar il-flus jingabru minn David Gauci jew Raisa Borg u li Gauci kellu jixtri l-materja prima, filwaqt li Antoine Camilleri kellu jiehu hsieb li x-xiri jaqbel mal-karti.

Minkejja l-arrangament ma kienx hemm bizzejjed flus biex ihallsu peress li certi klijenti ma kinux qed ihallsu. Muri sett ta` dokumenti huwa spjega li dawk kienu bank reconciliation statements fis-sens li jsiru biex tirrikoncilja ta` l-bank mal-kotba. Dak it-tip ta` statement la juri dhul u lanqas telf. Tali statement kien datat Settembru 2008 jigifieri fi zmien fejn il-problemi ma kinux ghadhom aggravaw daqskemm iggravaw lejn l-ahhar. Lejn l-ahhar tal-operat tal-kumpannija, huwa kien beda johrog il-pagi hu stess. Kien l-attur li kien jinfurmah kemm sar overtime u huwa kien johrog il-figura tal-paga.

"**Lawrence Camilleri** kompla jinsisti li skond ma kien qallu l-attur, huwa kellu jiehu flus minghand Arthur Briffa u li dan kien ser jipprova jiehu minflok xi proprjeta` ta` l-istess Briffa. Huwa sostna li huwa qatt ma dahal fil-kwistjoni ta` share transfer bejn il-partijiet. F`Dicembru 2008 ghamel zmien ma jersaqx lejn il-fabbrika u ma kienx jaf bil-ftehim li sar bejn il-partijiet. Huwa ma riedx ikollu x` jaqsam ma` Melvin Theuma. Huwa ma kienx involut fit-tnehhija tal-makkinarju mill-fabbrika u kien ghamilha cara li ma riedx ikollu x`jaqsam ma` dak il-makkinarju. Muri l-audited financial statements tal-kumpannija, xehed illi bhala assi, il-kumpannija kellha catering equipment, fixtures and fittings, office equipment, vetturi, air conditioners, u electrical installation. Il-catering equipment kien jiswa` LM90,000. Maz-zmien il-valur naqas.

"**Francis Galea** xehed li huwa kien jahdem mal-konvenut u kien jiehu hsieb St Philip Confectionery ir-Rabat. Kien ilu jahdem hemm sa minn Marzu 2006. Qatt ma kellu x` jaqsam mal-kumpannija wara li l-attur sar direttur u shareholder. Ha t-tmexxija wahdu ta` St Philip`s Confectionery ir-Rabat mill-2008 wara ftehim ma` l-konvenut billi qabel kien biss salesman. Skond il-ftehim, huwa kellu jordna xoghol ta` catering esklussivament minghand St Philip Caterers Limited. Mill-2008 kien jordna xoghol fuq bazi regolari minghand Antoine Camilleri u dejjem hallas tieghu ; sahansitra gieli hallas bil-quddiem fuq insistenza ta` l-istess Camilleri. Kien jordna bejn €3000 u €4000 xoghol fil-gimgha. Darba minnhom baghat ghalih l-attur u talbu jaghtih xi haga tal-flus bil-quddiem. Fil-fatt tah €1000. Osserva li l-attur kellu *black eye*. Dik l-€1000 hadhom lura.

"Ix-xhud insista li l-pagamenti kien dejjem jaghtihom lil Antoine Camilleri hlief ghal Gunju 2009 meta Jason Aquilina u Antoine Camilleri qalulu biex il-pagamenti jsiru direttament fl-ufficcju tal-kumpannija fejn kien isib lil David Gauci jew Raisa Borg. Dejjem inghata rcevuta li St Philip Caterers Ltd kienet thallset u rega` nsista li huwa qatt ma kellu pendenzi ta` aktar minn gimgha ma` St Philip Caterers Limited. Meta f`Gunju 2009, il-kumpannija kienet waslet biex taghlaq, il-konvenut qallu biex ma johrogx aktar pagamenti bil-quddiem lil Antoine Camilleri u li kellu jhallas kull l-ahhar tal-gimgha tax-xoghol li jkun ha f dik il-gimgha. F`dak ix-xahar, kellu function ta` party tal-precett u kien jonqos kejk li l-attur kien wieghed li ser iwasslu d-dar tieghu fit-tard. L-attur gie bil-kejk izda qabad jibki meta talbu jaghtih xi haga tal-flus. Ix-xhud irrifjuta. Huwa qatt ma talab jew issellef flus minghand Antoine Camilleri jew St Philips

Caterers Limited la ghalih personalment u lanqas ghall-hanut tieghu. Qatt ma sellef flus lil Antoine Camilleri jew lill-kumpannija. Huwa nforma lil Lawrence Camilleri f`Jannar 2009 li huwa ma kellu jaghti l-ebda €20,000 li allegatament Antoine Camilleri qal li sellfu.

"**Francis Galea** spjega li huwa kien jghaddi l-pagament lil Antoine Camilleri hlief ghall-ahhar xahar u cioe` Gunju 2009. Meta kien imur ihallas fl-ufficcju tal-kumpannija, kien isib lil David Gauci jew Raisa Borg. Lil min kien ihallas, kien jiffirmalu l-karti biex juri li St Philips Caterers Limited kienet thallset tax-xoghol. Qatt ma kellu pendenzi ta` aktar minn gimgha ma` St Philip Caterers Ltd. Ipprezenta d-dokumenti ta-xoghol li huwa ha minghand St Philip Caterers Limited mnejn jirrizulta li huwa hallas kollox.

"**George Psaila** xehed illi huwa kien iservi bhala headwaiter f funzjonijiet privati ta` St Philip Caterers Limited bejn 2003 u 2008. Sal-2006 dejjem thallas b`mod regolari. Mill-2006 beda jitqabbad minn Antoine Camilleri u kien beda jmur jithallas izda dan sikwit kien jghidlu biex imur ghal pagament aktar wara. Pero` dejjem thallas. Fl-2007 l-attur ma bediex ihallsu u huwa beda jinkorri spejjez bhal pagi ta` waiters li kien qed iqabbad biex jahdmu fil-funzjonijiet. Beda johroghom minn butu ghax l-attur kien joqghod lura milli jhallas. Il-prezz tal-waiters kien ikun inkluz fil-prezz li Antoine Camilleri kien jikkwota u jigbor minghand il-klijent tieghu. Huwa kien jafda lil Camilleri peress li kien dejjem jghid li qed jistenna somma sostanzjali ta` flus li wiret minghand missieru. Kien anke urieh karti b`figuri kbar u diversi dati jghid hu bhala prova li kien ser jircievi l-flus.

"Spjega li fl-ahhar tal-2007, Antoine Camilleri kien talbu self ta` Lm6000 ghaliex kien qal li gej xi hadd ghalih il-fabbrika u kien ser jisparalu. Tkellem mal-mara tieghu u fil-fatt sellfu dawk il-flus. Kienu kontanti u ma sareet l-ebda karta bejniethom. Baqa` jahdem ma` l-attur izda qatt ma thallas ta` xogholu jew tal-pagi li kien qed ihallas lin-nies. Fl-2009 l-attur rega` talbu l-flus izda din id-darba rrifjuta li jisilfu u laqqghu ma` Gino Farrugia. Dan sellfu €4,000 u l-attur ta cekk lil dan Farrugia ghal €6000 sabiex jithallas lura l-€4000 u l-bqija inghataw lix-xhud bhala pagament akkont. Ic-cheque kien post dated u nhareg minn Tanya Lautier li kienet tahdem ma` Camilleri. Ic-cheque baqa` qatt ma ssarraf. Kemm hu kif ukoll Farrugia kienu jcemplu lill-attur regolarment izda beda jevitahom. Ghadu ma thallasx sal-lum.

"**Maria Dolores Aquilina** omm il-konvenut xehdet li hija kienet tiehu x-xoghol ta` catering minghand St Philip Catering Limited ghall-hanut taghha St Philip`s Confectionery, Sciortino Street, Zebbug. Kienet tordna x-xoghol minn hemm bejn l-2006 u d-data ta` meta waqqfet topera l-kumpannija. Il-hanut ghadu jahdem. Kienet tordna x-xoghol u tikkorrispondi fuq ix-xoghol ma` Antoine Camilleri. Gieli kien ikun hemm bilanc pendenti fuq ix-xoghol li kienet tordna u gieli le. Ikkonfermat li l-oghla figura li qatt tela` l-bilanc kien ta` €5000. Gieli kienet thallas fil-gimgha. Kienu jmorru nies ghandha jitolbuha l-flus

ghaliex Antoine Camilleri kien jghid li is-St Philip`s Confectionery kien tieghu. Ikkonfermat li meta kienet tmur thallas lill-attur, gieli taha ricevuti mahruga minn St Philip Caterers Ltd u gieli le. Antoine Camilleri kien imur ghall-flus anke d-dar taghha u xi mindaqqiet tard bil-lejl. Ipprezentat sett ta` invoices tax-xoghol li kien tiehu fil-hanut taghha minghand St Philip Caterers Ltd. Kienet thallas lil Antoine Camilleri ghal St Philip Caterers Ltd.

"Fil-**kontroezami** ix-xhud stqarret li mill-2006 Antoine Camilleri kien jigbor il-flus minghandha. Cahdet li qatt intqal diskors maghha fiz-zmien qabel ma` ghalqet il-fabbrika tal-kumpannija sabiex il-flus tibda thallashom lil binha l-konvenut. Ma tantx kienet titkellem ma` binha l-konvenut fuq xoghol. Huwa qatt ma qalilha xejn fuq Antoine Camilleri. Kienet hi li kienet tghid lil binha li l-affarijiet mhux mexjin sew. Insistiet li minkejja li kienet qed tara li l-affarijiet mhux mexjin tajjeb, xorta baqghet thallas lil Antoine Camilleri.

"**Monica Galea** mill-HSBC Bank Malta plc xehdet illi l-bank ma jkollux kopji ta` kuntratti li saru mill-kumpannija. Ipprezentatt statement ta` kontijiet f`isem St Philip Caterers Limited bin-numri 044103810300 ; 044103810340 ; 044103810342 ; u 044103810342. Tlieta minnhom kienu *loans* u wiehed kien *overdraft* li kien konvertit f` *loan.* Ipprezentat statement ta` kont f`isem Antoine Camilleri bin-numru 013162466300. Ipprezentat ukoll sett ta` dokumenti li juru dettalji ta` pagamenti li saru fir-rigward ta` dawk il-kontijiet. Kienet tiehu hsieb il-kontijiet ta` St Philip Caterers Limited. Il-partijiet kienu jaghmlu tajjeb ghal dejn ta` l-kumpannija. L-ammonti thallsu mill-garanti tal-kumpannija. L-ammont li kien garantit minn Jason Aquilina u minn Antoine Camilleri kien ta` €186,324. Fir-rigward ta` din is-somma sar depozitu a saldu ta` l-garanzija. Ma kenitx f`pozizzjoni li tikkonferma jekk dak id-dejn kienx garantit ukoll minn Antoine Camilleri. Lanqas ma setghet tirrispondi jekk Antoine Camilleri qattx hallas lill-bank flus bhala garanti tad-dejn tal-kumpannija. Kienet hi li hadet hsieb excess facility mahruga lill-kumpannija. Ghalkemm kienet saret talba biex tigi sostwita propjeta` li kienet qeghda sservi bhala garanzija, il-propjeta` taht il-garanzija qatt ma nbidlet. Il-bank kien talab is-settlement tad-djun.

"**Clive Scicluna** xehed illi huwa kien jahdem fil-kcina ma` St Philip Caterers Limited. Fl-2009 silef €9000 lil Antoine Camilleri. Dan kien ihallsu kull xahar u kien fadallu jhallsu €7000. Bejniethom saret skrittura. Ma jafx x`sar mill-flus li silef lil Camilleri.

"**Ikkunsidrat :**

"**III. Risultanzi**

"**Il-Qorti ghada kif ghamlet riferenza kemm jista` jkun shiha u artikolata tal-assjem tal-provi sabiex johrog bl-aktar mod car u inekwivoku l-konflitt u l-kontradizzjonijiet fil-verzjonijiet tal-**

**partijiet ta` x`wassal ghad-dissest finanzjarju ta` St Philip Caterers Limited li wassal biex itemm l-attivita` taghha.**

"Meta jissussistu sitwazzjonijiet daqstant netti ta` din ix-xorta, il-Qorti ghandha taghmel l-apprezzament taghha tal-provi fil-kuntest ta` principji li llum huma ben delineati fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna.

"**a)** **<u>Gurisprudenza</u>**

"Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza **'<u>Xuereb et vs Gauci</u> <u>et</u>'** il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk :-

> *"Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*
>
> *"1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*
>
> *"2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*
>
> *"Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*
>
> *"Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).*

"Ta` l-istess portata kienet id-decizjoni ta` din il-Qorti (**<u>PA/TM</u>**) tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**<u>Bugeja vs Meilak</u>" :-**

> "*Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia", deciza minn din il-Qorti fl-24 ta` Novembru, 1966, li "il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lil-lohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*
>
> "*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment.*

*"Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta` konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta u jkollha taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo".*

"(ara wkoll : "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa" – PA/PS -** 28 ta` Mejju 2003 ; u "**Ciantar vs Curmi noe**" – **PA/PS** – 28 ta` April 2003).

"Fis-sentenza taghha tas-17 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Camilleri vs Borg**", il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk :-

"... *kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna "l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq ilprovi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik iccertezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet ; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet". ("Eucaristico Zammit –vs- Eustrachio Petrococchino", Appell Kummerc, 25 ta` Frar 1952; "Paul Vassallo –vs- Carmelo Pace", Appell Civili, 5 ta` Marzu 1986).*

"*Il-Qorti allura jehtiegilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet. B`hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa` fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta` "in dubio pro reo" … Kif rilevat f`sentenza antecedenti fil-kawza fl-ismijiet "Dottor Herbert Lenicker –vs- Joseph Camilleri", Prim`Awla, Qorti Civili, 31 ta` Mejju 1972, "f`kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b`tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment ma hux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b`tort tal-attur) ; dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident jkun tal-attur, imma sempliciment ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu".*

"*Fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "Gemma Cassar Saetta –vs- Imco Distributors Ltd", Appell, Sede Inferjuri, 13 ta` Jannar 1999."*

"Aktar ricenti fis-sentenza taghha tas-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Galea et**", din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk :-

"*… għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m'huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imam prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju.*

"… *il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti*

"*mħarrka. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha.*

"… *Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova.*

"… *dak li jgħodd f'kawża m'huwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha".*

"… *Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet.*

"… *Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju.. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha …*

"**b) <u>Apprezzament tal-provi</u>**

"Minn ezami tal-provi, jirrizulta li l-kontendenti qeghdin jaqblu li bejniethom kien hemm ftehim biex il-konvenut jittrasferixxi l-ishma li kellu f`St Philip Caterers Limited lill-attur. Pero` ma hemmx qbil dwar kemm kien il-prezz miftiehem ghat-trasferiment. Ma hemmx qbil dwar jekk l-ammont patwit kienx effettivament thallas. U lanqas ma hemm qbil dwar ir-raguni ghala t-trasferiment tal-ishma baqa` ma sarx.

"Hawn tinsorgi l-kwistjoni taz-zewg skritturi. Kienu prezentati zewg skritturi identici dwar it-trasferiment ta` l-ishma. Id-differenza bejn iz-zewg kitbiet hija d-data u l-ammont. L-attur ighid illi t-tieni skrittura tat-8 ta` Dicembru 2008 saret fuq talba tal-konvenut ghax ma riedx juri lil Lawrence Camilleri c-cifra li kien ser jithallas minghand l-attur. Madanakollu, din l-spjegazzjoni nghatat biss fl-affidavit tal-attur. Fl-ebda parti tar-rikors guramentat ma ssemmiet din it-tieni skrittura. Kien biss wara li ssemmiet mill-konvenut fir-risposta guramentata tieghu li l-attur beda jsemmi din it-tieni skrittura. Mill-lat l-iehor, il-konvenut kompletament injora tali skrittura u ma jsemmi xejn dwarha. Lanqas jallega li kienet skrittura falza. Il-konvenut lanqas ma ressaq xhud biex jikkorrabora direttament (mhux *per sentito dire)* kemm kellu jkun il-korrispettiv tat-trasferiment ta` ishma. Ghall-kuntrarju, l-attur ressaq bhala xhud lil huh Alfred Camilleri li kkonferma li kien prezenti waqt l-firma ta` l-iskrittura u li c-cifra kienet dik indikata fl-iskrittura ta` l-1 ta` Dicembru 2008. Tajjeb li jigi notat li Alfred Camilleri ma kienx sottopost ghal kontroezami.

"Biex jipprova li l-ammont it-tajjeb kien dak rifless fl-iskrittura tat-8 ta` Dicembru 2008, il-konvenut ipprezenta zewg cheques. Il-Qorti ghandha riservi kbar dwar ic-cheque ta` Alfred Camilleri datat 14 ta` Mejju 2009. Kif jidher car, il-kalligrafija tal-firma fuq ic-cekk ta` Alfred Camilleri ma taqbilx ma` dik fejn hemm miktub, l-isem, id-data u l-ammont. Il-Qorti tghid li dak ic-cheque kieni ffirmat in bjank u li l-verzjoni tal-attur u ta` Alfred Camilleri taghti aktar affidament. Fir-rigward tac-cheque l-iehor datat 21 ta` Lulju 2009, il-Qorti mhijiex sodisfatta bl-ispjegazzjoni daqstant cara mill-attur dwar ghal xiex kien jirrelata dan ic-cheque. L-attur ighid sempliciment li dak ic-cheque kien parti minn hlas fuq xi haga ohra u mhux parti minn hlas fuq it-trasferiment ta` l-ishma. U jieqaf hemm xott xott minghajr ma jaghti l-icken spjegazzjoni.

"Il-konvenut argumenta li prova li l-ammont it-tajjeb huwa dak indikat fit-tieni skrittura jirrizulta mill-fatt li l-ammont dovut lilu kien l-istess ammont dovut lilu fuq is-shareholder`s loan liema ammont jirrizulta minn DOK JJA 3, u li huwa ferm qrib is-somma indikata fit-tieni skrittura. Fuq l-iskorta tal-assjem tal-provi, din il-Qorti la hija konvinta u lanqas sodisfatta li l-konvenut sempliciment ried jirrikava biss dak li huwa kien sellef lill-kumpannija u xejn aktar. Ma hemmx dubju li l-konvenut ried jaghmel qligh mit-trasferiment tal-ishma.

"Dwar il-kwistjoni ta` jekk l-ammont – kien liema wiehed kien – effettivament kienx thallas, il-Qorti tosserva li l-attur ta verzjoni fejn qal

li hallas fi flus kontanti, b`cheques tal-klijenti, u b`cheques tal-kumpannija. Ressaq bhala xhud lil Arthur Briffa biex jittenta jipprova li dan kien ser jassistih sabiex ihallas ammont addizzjonali ta` €70,000 lill-konvenut. Ghal darb`ohra, Briffa lanqas ma kien kontroezaminat minkejja li dan kien xhud importanti stante li dan allega li l-konvenut stess kien qallu li kien ircieva xi €80,000 minghand l-attur u li kien jonqsu €70,000 xi jhallas. Mill-banda l-ohra, il-konvenut u Lawrence Camilleri sostnew li meta ltaqghu ma` Briffa, dan kien f` xenarju ghal kollox differenti meta l-attur kien sostna li huwa kellu jigbor minghand Briffa u ried jiehu parir minghandhom dwar valur ta` propjeta` fil-Fgura li Briffa ried jaghti lill-attur bhala hlas tad-dejn. Litteralment – *tutt`altro cielo* !

"L-attur ressaq bhala xhud lil Odette Galea biex tikkonferma dak li allegatament kien jghid lilha l-konvenut dwar il-flus li ha lill-attur u dwar il-pjan tal-konvenut li qatt ma jittrasferixxi l-ishma tieghu lill-attur. Il-Qorti sejra tkun kawta bil-bosta dwar il-kredibilita` tax-xiehda ta` Odette Galea. Kif setghet tikkostata l-Qorti stess *de visu* Odette Galea wriet akkaniment biex tgharraq lill-konvenut. Ix-xiehda taghha ma kenitx priva minn *bitterness* lejn il-konvenut. Ghalhekk minghajr *riscontri oggettivi* il-Qorti mhijiex sejra taghti affidament lix-xiehda ta` Odette Galea.

"*Eppure* u *tutto sommato* il-Qorti jidhrilha li l-attur ma ressaqx provi bizzejjed konvincenti li jserrah mohh il-Qorti illi huwa kien tassew hallas lill-konvenut l-ammont li qed jirreklama fil-kawza tal-lum. Provi b`dokumenti u allura oggettivi – xejn ! Il-Qorti tifhem li l-ammonti involuti ma kinux zghar u ghalhekk kien jinkombi fuq l-attur il-premura u l-galbu li jesigi xi tip ta` ricevuta meta hallas lill-konvenut *in cash* partikolarment meta kien jaf (skond ix-xhieda tieghu stess) li l-konvenut kien iberbaq il-flus fuq in-nisa. Mank ipprezenta kopja ta` c-cheques li qal li hareg mill-kumpannija. Jew tal-inqas fornixxa xi tip ta` figuri jew prospett ta` kemm hallas in kontanti u ta` kemm cheques hareg : propju xejn ! Ma kienx difficli li jgib kopji ta` c-cheques mill-bank. Il-Qorti mhijiex teskludi li seta` kien hemm ragunijiet ohra il-prova tac-cheques baqghet ma saritx kif kellha ssir, partikolarment peress li jekk tali cekkijiet inhargu mill-kumpannija, kien ikun difficli ghall-attur li jipprova li l-pagament ma sarx mill-kumpannija izda minnu de proprio. Inoltre, skond l-attur, meta saret l-iskrittura, il-flus kienu diga` thallsu lill-konvenut. Ghalhekk jekk tassew hekk kien il-kaz, kien ferm facli li titnizzel *mqar* sentenza fuq l-istess skrittura li tghid li l-ammont indikat kien thallas. Eppure l-iskrittura **assolutament** ma tghid xejn !

"Il-**prova tal-pagament** tispetta lil min jallega li effettwa l-pagament ; fil-kaz tal-lum, l-attur (Prim`Awla tal-Qorti Civili : 14 ta` Dicembru 1959 : "**Attard vs Meilak et**" ; Qorti tal-Appell : 4 ta` Dicembru 1998 : "**Mifsud vs Montanaro**"). Ghalkemm huwa minnu li l-verzjoni tal-konvenut u tax-xhieda tieghu fiha diskrepanzi, ix-xiehda tal-attur u tal-persuni li ressaq biex jikkonfortaw dak li kien qed jallega wkoll fiha *lacunae* li hallew lill-Qorti minghajr konvinciment morali li l-attur ghamel il-prova

sal-grad rikjesst mil-ligi. Ix-xenarju li nghata lill-Qorti huwa ta` sfiducja massima bejn il-kontendenti li gab mieghu – **hasra tassew** - tifrik ta` kumpannija produttiva skaturit minn berbiq bla razan ta` flus, self bl-addocc, imghax bla kontroll, u nuqqas ta` tmexxija u amministrazzjoni tajba !

"**c) It-talbiet attrici**

"L-attur qed jitlob illi stante li l-konvenut ma ottemporax ruhu mal-iskrittura tal-1 ta` Dicembru 2008 ghax baqa` ma sarx il-hlas tal-korrispettiv ghat-trasferiment tal-ishma fis-socjeta` St. Philips Caterers Ltd il-?Qorti ghandha tordna r-rizoluzzjoni tal-ftehim u tikkundanna lill-konvenut biex jirrifondilu €81,525.

"**Fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, l-attur kien car meta sostna li l-azzjoni kienet fondata fuq l-Art 1069 tal-Kap 16.**

"Il-Kap 16 jipprovdi li ftehim jigi xjolt jekk ikun suggett ghal kundizzjoni espressa jew ghal kundizzjoni tacita. Ikun hemm kundizzjoni espressa jekk din tkun miktuba espressament fil-kuntratt. Ikun kundizzjoni tacita jekk din tohrog mil-ligi. Fil-kaz ta` kundizzjoni espressa, il-ftehim jigi xjolt. Fil-kaz ta` kundizzjoni tacita, dan ma jgibx ix-xoljiment tal-ftehim.

"**L-Art 1067 tal-Kap 16** jaqra hekk :-

> "*jekk il-kondizzjoni rizoluttiva hija espressa fil-kuntratt, dan il-kuntratt, meta l-kondizzjoni ssehh, jinhall ipso jure u l-qorti ma tista` taghti ebda zmien lill-konvenut*."

"Min-naha l-ohra, l-**Art 1068 tal-Kap 16** jaqra illi :-

> "*Il-kondizzjoni rizoluttiva tinghadd dejjem bhala li giet maghmula fil-kuntratti bilaterali, fil-kaz li wahda mill-partijiet tonqos ghall-obbligazzjoni taghha. Izda f` dan il-kaz, il-kuntratt ma jinhallx ipso jure u l-qorti tista`, skond ic-cirkostanzi, taghti zmien xieraq lill-konvenut, bla hsara ta` kull disposizzjoni ohra tal-ligi dwar il-kuntratt tal-bejgh."*

"L-**Art 1069 tal-Kap 16** jipprovdi illi :-

> *"(1) Meta l-kondizzjoni rizoluttiva, sew dik maghmula espressament kemm dik li tiqies bhala maghmula, tkun ghall-kaz li fih wahda mill-partijiet tonqos ghall-obbligazzjoni taghha, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx giet esegwita, tista` taghzel, jekk il-kondizzjoni ssehh, jew li titlob il-hall tal-kuntratt, jew li ggieghel lill-parti l-ohra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibli.*
>
> "*(2) Fil-kaz, il-wiehed u l-iehor, il-konvenut jista` jigi kkundannat gahll-hlas tad-danni."*

"Dawn il-provvedimenti tal-ligi gew riflessi fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna. Id-distinzjoni bejn kundizzjoni risolutiva espressa u kundizzjoni

risolutiva tacita giet dejjem sostnuta u carata ghall-ahhar. B`mod partikulari gie dejjem enfasizzat li :-

"Fil-kaz ta` kundizzjoni risoluttiva tacita, ma hemmx xoljiment ipso iure tal-ftehim ;

"Fil-kaz ta` kundizzjoni risoluttiva tacita tigi dikjarata biss jekk ikun hemm ragunijiet gravi u konkludenti li jissostanzjaw talba ta` din ix-xorta ;

"Anki f`kaz fejn hemm xoljiment ipso iure, xorta wahda jkun mehtieg li jkun hemm dikjarazzjoni mill-Qorti esplicita dwar dak ix-xoljiment. Dikjarazzjoni tal-Qorti ta` dan it-tip tinkiseb b`azzjoni maghmula lill-Qorti b`talba ghal dikjarazzjoni f`dan is-sens, u mhux sempliciment *per via di eccezzione.*

"Id-differenza fil-konsegwenza ghas-sehh ta` kundizzjoni risolutiva tacita u kundizzjoni risolutiva espressa giet spjegata fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna.

"Hekk per ezempju fil-kawza "**Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici**" deciza mill-Qorti ta` l-Appell fl-4 ta` Novembru 1987 inghad hekk :-

> *"Issa l-artikolu 1111 tal-Kodici Civili (kap. 23) illum art. 1068 kap. 16 jitkellem car u tond u bla bzonn ta` xi interpretazzjoni illi kondizzjoni risoluttiva tinghad dejjem bhala li giet maghmula fil-kuntratti bilaterali ghall-kaz li wahda mill-partijiet tonqos ghall-obbligazzjoni taghha, izda f` dan il-kaz, il-kuntratt ma jinhallx, ipso iure, u l-Qorti tista`, skond ic-cirkostanzi, taghti zmien xieraq lill-konvenut …"*

"Id-decizjoni tal-Qorti ta` l-Appell fit-23 ta` Novembru 1962 fil-kawza "**Cole et vs Grixti**" stabbiliet illi :-

> *" … skond l-art. 1111 tal-Kodici Civili, il-kondizzjoni risoluttiva hi dejjem sottointiza fil-kuntratt bilaterali fil-kaz li wahda mill-partijiet tonqos mill-obbligazzjonijiet taghha; u skond l-art. 1112 il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx giet esegwita tista` taghmel, jekk il-kondizzjoni ssehh, jew li titlob ir-risoluzzjoni tal-kuntratt jew li ggieghel lill-parti l-ohra tesegwixxi l-obbligazzjoni jekk dan jista` jkun …"*

"F`decizjoni ohra tal-Qorti ta` l-Appell tal-31 ta` Mejju 2002 fil-kawza "**Abela vs Bonello noe**" inghad illi :-

> *"Fil-kaz ta` kundizzjoni rizoluttiva espressa, il-Qorti ma taghtix zmien lill-parti inadempjenti biex tispurga n-nuqqas taghha. Fejn invece il-kundizzjoni rizoluttiva m`hijiex espressa imma wahda tacita f` dan il-kaz il-kuntratt **ma jinhallx ipso jure.** "*

"L-istess Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza "**Grima vs Le Brun**" tat-18 ta` Novembru 1870 fejn inghad :-

*"Che sebbene secondo il detto art. 773 quando la condizione risolutiva e` espressa, il contratto, verificata la condizione, si scioglie ipso jure, a differenza del caso, in cui la condizione fosse sottointesa ed in cui la risoluzione non succede ipso jure, pure tra gli effetti dell` una e dell` altra condizione in sostanza non vi sarebbe altra differenza, che nel primo caso la Corte non puo` accordare alcuna dilazione, nel mentre che nell` altro caso puo` accordare una moderata dilazione*, *in modo che tanto nell` uno che nell` altro caso, come evidentemente dimostrano I termini dei menzionati articoli, e` necessario che la risoluzione sia giudizialmente domandata- e quindi dalla Corte dichiarata.*

*"Che in conseguenza sarebbe interamente inutile esaminare se la condizione, di cui si tratta, fosse espressa od altrimenti sottointesa."*

"Fid-decizjoni tad-29 ta` April 1993 fil-kawza "**Chetcuti vs Farrugia**" kien inghad hekk :-

*"Meta l-kondizzjoni risoluttiva, sew dik maghmula espressament kemm dik li titqies bhala maghmula tacitament, tkun ghall-kaz li fih wahda mill-partijiet tonqos mill-obbligazzjonijiet taghha, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx giet esegwita, tista` taghzel, jekk il-kondizzjoni ssehh, jew li titlob il-hall tal-kuntratt, jew li ggieghel lill-parti l-ohra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibli (artikolu 1069). Izda, hemm differenza sostanzjali,fl-applikazzjoni taghha, bejn il-wahda u l-ohra. Infatti, jekk il-kondizzjoni risoluttiva hija espressa fil-kuntratt, dan il-kuntratt meta l-kondizzjoni ssehh, jinhall `ipso iure`m u l-Qorti ma tista` taghti ebda zmien lill-konvenut biex jesegwixxi l-obbligazzjoni (artikolu 1067). Jekk il-kondizzjoni risolutiva hija tacita, il-kuntratt ma jinhallx `ipso iure`, u l-Qorti tista` skond ic-cirkostanzi, taghti zmien xieraq lill-konvenut biex jesegwixxi l-obbligazzjoni tieghu (artikolu 1068).*

"Decizjoni sinjifikanti hafna ghall-kaz tal-lum hija dik ta` din il-Qorti tat-23 ta` Mejju 1953 fil-kawza "**Falzon noe vs Micallef et**" fejn inghad hekk :-

*"Illi, kif esprimew ruhhom il-partijiet, jidher li huma riedu jistipulaw, mhux kondizzjoni rizolutiva, izda l-patt kommissorju, li huwa wisq differenti. Difatti l-kondizzjoni rizolutiva tirrisolvi l-obbligazzjoni ipso jure (art. 1110 Kod. Civ) u l-Qorti ma tistax taghti lid-debitur ebda zmien biex jippurga l-mora, mentri, trattandosi ta` patt kommissorju espress jew tacitu, skond il-ligi taghna, l-obbligazzjoni ma tispiccax `ipso iure`, izda hemm bzonn li jintalab u jigi akkordat mill-Qorti x-xoljiment ta` l-obbligazzjoni; u f` kaz ta` patt kommissorju tacitu, il-Qorti tista` taghti lid-ddebitur zmien ragjonevoli skond ic-cirkustanzi (art. 1111 Kod. Civ).*

"Anke fis-sentenza ta` din il-Qorti fil-kawza "**Mac Ltd et vs Said International Ltd**" tad-9 ta` Ottubru 2003 inghad illi :-

"*Ghalhekk, sakemm il-ftehim ma jkunx sar fih patt ta` kundizzjoni rizolutiva espressa li meta ssehh iggib fix-xejn il-kuntratt b` mod li lanqas il-Qorti ma tista` ttawwal iz-zmien lid-debitur ghall-ezekuzzjoni, il-fatt li jkun sar ftehim bilaterali bejn tnejn min-nies jew izjed jista` johloq il-prezunzjoni li tinghadd li saret fih il-kundizzjoni rizoluttiva tacita f` kaz li wahda mill-istess partijiet tonqos li twettaq il-parti taghha. Imma din il-*

*kundizzjoni ma ggibx fi tmiemha ipso jure l-obbligazzjoni (ghajr fil-kuntratti kummercjali), u hija moghtija lill-Qorti mil-ligi s-setgha li taghti lid-debitur zmien xieraq u skond ic-cirkostanzi biex jaghmel dak li kien intrabat.*

3. "Eccezzjoni ghal dawn il-principji tirrizulta mill-Kap 13 fejn jinghad li "fil-kuntratti kummercjali, anki l-kundizzjoni risoluttiva tacita ggib ghall-hall `ipso iure` tal-kuntratt (**artikolu 117 Kap 13**) hlief (u din l-eccezzjoni ghar-regola giet introdotta bl-Att XXII tal-1976) fil-kaz ta` kuntratti ta` kiri ta` proprjeta` immobbli jew ghall-kuntratti ta` enfitewsi jew ghall-kuntratti li l-hall taghhom, fil-kaz ta` nuqqas ta` wahda mill-partijiet milli thares l-obbligi taghha, ikun irregolat b` ligi b` mod specjali." (ara "**Brincat noe et v. Mifsud et**" - deciza fit-28 ta` Frar 2001)

"Dwar l-applikazzjoni ta` l-artikolu 117 tal-Kap 13 hemm divergenzi fid-decizjonijiet tal-Qrati Maltin. Il-Qorti ta` l-Appell fil-kawza "**Cutajar vs Fenech**" tas-6 ta` Ottubru 1999 qalet hekk :-

"*… il-fatt li dan l-artikolu kien applikabbli ghall-fatti in kawza anke ghaliex il-partijiet ittrattaw l-obbligazzjoni bhala wahda kummercjali, naturalment, mhux necessarjment ifisser li kellu jigi hekk applikat fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz…ma hijiex infatti ghal kollox korretta l-impressjoni generali illi kien pacifiku fil-gurisprudenza li f` kontrattazzjonijiet kummercjali, il-kundizzjoni rizoluttiva kienet tipproduci dejjem u f` kull kaz ir-rizolluzzjoni tal-kuntratt di piena diritto u li l-Qorti, fejn l-inadempjenza kontrattwali f` kuntratt bilaterali tkun wahda kummercjali, ma setghet qatt takkorda lid-debitur ebda dilazzjoni biex jispurga l-mora. Jirrizultaw sentenzi fejn il-Qrati kkonsidraw beneficcju tal-purgazzjoni tal-mora u ma applikawx rigorozament, id-dispost ta` l-artikolu 117 tal-Kodici Kummercjali fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk kienu jindikaw. Dan ghaliex kien kjarament jirrizulta li l-parti li tkun qed tinvoka r-rexxissjoni tal-kuntratt fuq din il-bazi, ma tkun sofriet l-ebda pregudizzju bhala konsegwenza ta` l-inadempjenza u fejn allura jkun irrizulta illi l-adempjenza ma kenitx fattur materjali u determinanti ghall-esekuzzjoni ta` l-obbligazzjonijiet assunti mill-kontraenti fil-kuntratt bilaterali.*

"Dan huwa rifless fil-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-12 ta` Frar 1958 fil-kawza "Aquilina vs Sammut" fejn qalet hekk :-

"*Din il-Qorti, kif tinsab illum presjeduta, kellha bosta okkazzjonijiet biex tesprimi ruhha fis-sens illi bil-promulgazzjoni ta` l-Att numru XIV tal-1933, maghmul espressament biex jirregola l-obbligazzjonijiet kummercjali, illum inkorporat fil-Kodici tal-Kummerc (Titolu V), minhabba fid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 8 ta` dak l-Att, illum artikolu 121 (illum artikolu 117) tal-Kodici Kummercjali, il-purgazzjoni tal-mora kontemplata fl-imsemmi artikolu 1659 (illum 1068) tal-Kodici Civili ma tistax tigi iktar koncessa, u gahdha ta` l-istess fehma, izda l-Qorti ta` l-Appell tal-Maesta` Taghha r-Regina recentement irriteniet li ghadha tista` tigi koncessa, u ghalhekk din il-qorti sejra tikkoncediha.*

"Jibqa` fatt ghalhekk illi f`kaz li ssehh kundizzjoni risolutiva li ma tkunx espressa f`kuntratt, ikun jehtieg li min ikun in mora jinghata zmien xieraq sabiex jaghmel dak li hu dovut minnu li jsir u ma jkun hemm l-ebda xoljiment tal-ftehim *ipso iure*. Hemm dubju jekk dan huwiex applikabbli ghal obbligazzjonijiet kummercjali, billi hemm divergenzi fil-gurisprudenza.

"Huwa ritenut b`mod kostanti illi l-inadempjenza da parti ta` kontraent ggib maghha l-eventwali xoljiment tal-ftehim **<u>biss</u>** fil-kazijiet fejn l-indampjenza tkun wahda gravi u b`konsegwenzi drastici. Din il-Qorti fis-sentenza taghha tal--21 ta` April 2004 fil-kawza "**<u>Herrera vs Debattista</u>**" ghamlet riferenza ghal decizjoni li tinsab fil-Vol. XLIII.II.805. Hemm inghad hekk :-

> "*… fost ir-ragunijiet preveduti mil-ligi ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratti hemm il-kondizzjoni rizoluttiva tacita fil-kaz li wahda mill-partijiet tkun inadempjenti (Artikolu 1111, illum Artikolu 1068 tak-Kodici Civili)… Hemm bzonn illi l-inadempiment ikun gravi u proporzjonat ghall-konsegwenzi derivanti mir-rizoluzzjoni (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., Artikolu 1165 para. 236 u 239).*

"**Issa jekk dawn il-principji jigu applikati fil-kaz tal-lum, jirrizulta li minghajr ma` l-Qorti toqghod tifli liema mill-iskritturi hija dik applikabbli bejn il-partijiet, ladarba, l-attur naqas li jikkonvinci lill-Qorti li tassew ipprovaw li kien ghamel xi tip ta` pagament lill-konvenut, din il-Qorti ma tistax ixxolji l-ftehim. Jirrizulta ben evidenti li hija il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx giet esegwita li ghandha l-fakolta` li titlob l-hall tal-kuntratt. Ghalhekk, it-talba ta` l-attur hekk kif ibbaza din l-azzjoni odjerna, ma tistax tigi akkolta.**

"**Jifdal l-ezami tal-kontrotalba.**

"Il-konvenut qed jitlob li t-trasferiment ta` l-ishma ghandu jigi ordnat li jsir u dan wara li tithallas lilu s-somma ta` €53,375. Il-konvenut isostni li dan il-ftehim jikkostitwixxi weghda ta` bejgh u ta` xiri ai termini ta` l-Art 1357 u 1360 tal-Kodici Civili u huwa ai termini ta` dawn l-artikoli li huwa qed jibbaza l-kontrotalba.

"Bla mal-Qorti tidhol f`analizi ta` l-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontrotalba, il-Qorti tghid hekk.

"L-**<u>Art 1357 tal-Kap 16</u>** jaqra hekk :-

> "*(1) Il-wegħda ta` bejgħ ta` ħaġa bi prezz determinat, jew bi prezz li għandu jiġi stabbilit minn persuna waħda jew iżjed bħalma jingħad fl-artikoli ta` qabel dan, ma titqiesx bejgħ; iżda, jekk tiġi aċċettata, iġġib, f`dak li wiegħed, l-obbligu li jagħmel ilbejgħ, jew, jekk il-bejgħ ma jkunx jista` iżjed isir, l-obbligu li jħallas id-danni lill-accettant.*

"*(2) L-effett ta` din il-wegħda jispiċċa meta jagħlaq iż-żmien miftiehem bejn il-partijiet għal hekk jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim bħal dak, meta jgħaddu tliet xhur minn dak inhar li l-bejgħ ikun jista` jsir, kemm-il darba l-aċċettant ma jsejjaħx lil dak li wiegħed, b`att ġudizzjarju ppreżentat qabel ma jgħaddi ż-żmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jagħmel il-bejgħ, u kemm-il darba, fil-każ li dak li wiegħed jonqos li jagħmel hekk, it-talba b ` r i k o r s ġ u r a m e n t a t s a b i e x t i t w e t t a q i l - w e g ħ d a m a t i ġ i x ippreżentata fi żmien tletin jum minn meta jagħlaq l-imsemmi żmien.*

"Fil-kaz tal-lum, ghalkemm jikkonkorru l-elementi kollha li tghid il-ligi għall-validita` tal-ftehim skond l-Art 1233 tal-Kap 16, ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti taht l-Art 1357(2) tal-Kap 16 għar-rigward ta` l-interpellazzjoni meħtieġa biex konvenju ma jiskadix.

"Infatti fir-rigward tal-proċedura stipulata bl-Art 1357(2) tal-Kap 16, din teħtieġ illi jintbagħat att gudizzjarju lill-parti li tkun naqset milli tersaq għall-kuntratt miftiehem qabel ma jiskadi ż-żmien stipulat fil-konvenju (jew f` kaz li ma hemmx zmien stipulat, jitqies li t-terminu huwa dak ta` tlett xhur minn meta l-bejgh jkun jista` jsir) u li l-kawża relattiva issir fi żmien tletin ġurnata f`każ illi min ikun qed jirrifjuta li jersaq, jippersisti f`dan in-nuqqas.

"**Fil-każ in eżami, ma ngabu l-ebda provi f` dan ir-rigward**.

"Ma rrizulta fl-ebda hin li gew pprezentati ittri ufficjali sabiex l-attur jersaq ghall-kuntratt miftiehem. Dwar it-terminu applikabbli, jidher li ma kien hemm l-ebda ostakolu li t-trasferiment isir fi zmien tlett xhur mid-data tal-ftehim peress li ma kien hemm l-ebda kondizzjoni dwar meta dan kellu jsir kif ukoll ma kienx hemm imnizzla xi kondizzjoni li qabel tigi sodisfatta, it-trasferiment ma setax isir. Ghalhekk ladarba ma gietx ippruvata tali interpellazzjoni, u kif ukoll ma gietx intavolata kawza entro t-terminu ta` tletin gurnata skond il-ligi, l-elementi rikjesti sabiex l-Art 1357 japplika ma gewx sodisfacentement pruvati mill-konvenut.

"**Decide**

"**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

"**Riferibbilment ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut dwar it-talbiet tal-attur, tichad it-talbiet tal-attur, spejjez unikament ghall-attur.**

"**Riferibbilment ghall-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontrotalba tal-konvenut, tichad il-kontrotalba tal-konvenut, spejjez unikament ghall-konvenut**".

**Rikors tal-appell tal-attur (16.06.2014):**

4. L-attur ħassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha.

5. L-aggravju tiegħu bażikament jirrigwarda l-konklużjoni tal-ewwel Qorti li kien hemm karenza ta' provi fir-rigward tal-(allegat) pagament tiegħu lill-konvenut għat-trasferiment. Huwa jagħmel is-segwenti argumenti:

- Jibda biex jispjega li kienu ġew esebiti żewġ skritturi b'dati u ammonti differenti.[1] Jaċċenna għall-fatt għalkemm l-ewwel Qorti fil-bidu tal-konsiderazzjonijiet tagħha dehret li kienet qegħda tagħti iktar kredibilita` lix-xhieda tiegħu (u jiċċita s-segwenti bran) hija imbagħad iddeċidiet ma kinitx konvinta li verament għaddew il-flus.

> *"Mil-lat l-ieħor, il-konvenut kompletament injora tali skrittura u ma jsemmi xejn dwarha. Lanqas jallega li kienet skrittura falza. Il-konvenut lanqas ma ressaq xhud biex jikkorrobora direttament (mhux per sentito dire) kemm kellu jkun il-korrispettiv tat-trasferiment tal-ishma. Għall-kuntrarju, l-attur ressaq bħala xhud lil ħuh Alfred Camilleri li kkonferma li kien preżenti waqt il-firma tal-iskrittura u li ċ-ċifra kienet dik indikata fl-iskrittura tal-1 ta' Diċembru 2008. Tajjeb li jiġi notata li Alfred Camilleri ma kienx sottopost għal kontro-eżami".*

- Jgħid li f'dan il-kuntest l-aggravju tiegħu huwa maqsum f'żewġ binarji u cioe`:

---

[1] (**L-attur** kien esebixxa skrittura datata 01.12.2008 li tirrigwarda ammont ta' €81,525, filwaqt li **l-konvenut** kien esebixxa skrittura datata 08.12.2008, li tirrigwarda l-ammont ta' €53,575).

(i) In-nuqqas ta' kontro-eżami da parti tal-appellat kemm tax-xhieda tiegħu, ta' ħuh Alfred Camilleri u ta' xhieda indipendenti.

F'dan ir-rigward jargumenta li huwa prinċipju stabbilit li meta xhieda mogħtija in eżami ma tiġix sottoposta għal xi forma ta' kontro-eżami tiġi qisha aċċettata bħala veritiera.

(ii) Il-fatt li t-teżi tiegħu (a differenza minn dik tal-konvenut appellat) ġiet korroborata minn xhieda indipendenti.

F'dan ir-rigward jenfasizza li huwa ressaq bħala prova korroborattiva lil żewġ xhieda indipendenti: lil Arthur Briffa (li xehed li l-konvenut stess kien qallu li kien irċieva €80,000 mingħand l-attur) u Peter Saffret (li għalkemm ma xehdx fuq in-negozju in kwistjoni ta stampa ċara dwar kemm il-konvenut mhux affidabbli u kemm hu kapaċi jidħaq bin-nies) u jsostni li l-ewwel Qorti kellha tagħti piż lix-xhieda tagħhom. Jilmenta wkoll bil-fatt li l-ewwel Qorti skartat ix-xhieda ta' Odette Galea (li xehdet li l-konvenut kien qalilha li tħallas xi Lm25,000 għat-trasferiment tal-ishma u li kien ried iwaħħlu lill-attur għax ma kienx ser jagħmel it-trasferiment) għaliex kellha atteġġjament negattiv ġewwa l-qorti kontra l-konvenut. Jargumenta li l-ewwel Qorti kellha xorta waħda tevalwa x-xhieda mogħtija minnha u tevalwaha fiċ-ċirkostanzi kollha tagħha.

- Finalment, jaċċenna għall-fatt li fl-iskrittura tal-01.12.2008 il-konvenut aċċetta li joqgħod garanti fir-rigward tal-loans u overdraft eżistenti mal-HSBC għal ħames snin minn tali data. Jaċċenna wkoll għall-kawża fl-ismijiet inversi 174/10/JZM fejn il-konvenut qed jitlob rifużjoni ta' flus imħallsa minnu bħala garanti. Għalkemm l-attur jammetti li huwa minnu li ma pproduċiex prova dokumentarja li fil-fatt għamel il-ħlas ta' €81,525 skont l-iskrittura mertu tal-kawża (tal-01.12.2008), jistaqsi: kieku l-konvenut fil-fatt ma rċeviex il-pagament dan kien ser joqgħod garanti għal ħames snin?

**<u>Risposta tal-appell tal-konvenut (06.10.2014)</u>**

6. Il-konvenut appellat wieġeb biex jgħid li kif apprezzat tajjeb l-ewwel Qorti, l-attur appellant ma ġab l-ebda prova konvinċenti dwar il-pagament tal-ammont mitlub u li in oltre l-kredibbilita` tal-attur appellant hija mittiefsa b'nuqqas ta' koerenza fil-verżjoni tal-fatti minnu mogħtija, kif diġa indirizzat fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu u kif ben notat mill-ewwel Qorti.

7. Għalhekk sostna li s-sentenza appellata hija korretta u għandha tiġi kkonfermata inkwantu ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur u li din il-qorti għandha tiċħad l-appell bl-ispejjeż kif deċiż mill-ewwel Qorti, u b'dawk ta' din l-istanza kontra l-attur.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Dan il-każ huwa ppernjat fuq l-iskrittura (**Dok A**) datata 1 ta' Diċembru 2008 li saret bejn iż-żewġ kontendenti, liema skrittura, li fuqha jidhru l-firem rispettivi tal-kontendenti, taqra hekk (enfasi ta' din il-qorti):

> "*Fuq dan il-ftejjem iktar lisfel qed jiġi miftijem bejn iz-zewg partijiet Dawn il-patijiet u kondizjonijiet li gejjien.*
>
> "*Jiena Jason John Aquilina id card no. 533974(m) Diretur fil-Kumpanija St. Philips Caterers Ltd qed nacetta biex nitrasferixi is-shem tieghaj li Ghandi flitess kumpanija bil-prezz ta wiehed u tmenien elf, hames mija u hamsa u ghoxrin euro (**<u>€81,525.00</u>**) u wara dan qed jigi miftijem li majkoli Xejn iktar xnaqsam ghal kull ogett li ghandu x jaqsam ma St. Philip Caterers Ltd. Dan it-trasferiment qed isir b dawn il-patijiet u kondizjonijiet li jghdu kolla fuq Antoine Camilleri id card no. 222180(m) li diga hu diretur flistess Kumpanija. Qed jigi miftiehem ukoll li jiena Jason John Aquilina qed nghati l kunsens Tieghaj li nibqa nghamel tajjeb ghal Loans u Over draft li hemm ezistenti ma l-HSBC li hemm jinsabu fil-Kumpanija u dan ghal zmien hames snin mil-llum*".

9. Fir-rikors ġuramentat tiegħu l-attur qal li dakinhar stess huwa fil-fatt ħallas lill-konvenut l-ammont ta' €81,525 li jissemma' fl-iskrittura, iżda l-konvenut baqa' ma ttrasferixxiex l-ishma tiegħu. Għalhekk ipproċeda b'din il-kawża u qed jitlob ir-riżoluzzjoni tal-iskrittura u r-rifużjoni tal-ammont ta' €81,525 allegatament imħallas minnu.

10. Il-konvenut da parti tiegħu ippreżenta skrittura differenti (**Dok JJA1**) datata invece 8 ta' Diċembru 2008 li ukoll tidher li saret bejn iż-żewġ kontendenti, liema skrittura, li fuqha ukoll jidhru l-firem rispettivi tal-kontendenti, taqra hekk (enfasi ta' din il-qorti):

"*Fuq dan il-ftejjem iktar lisfel qed jiġi miftijem bejn iz-zewg partijiet Dawn il-patijiet u kondizjonijiet li gejjien.*

"*Jiena Jason John Aquilina id card no. 533974(m) Diretur fil-Kumpanija St. Philips Caterers Ltd qed nacetta biex nitrasferixi is-shem tieghaj li Ghandi flitess kumpanija bil-prezz ta tlieta u hamsien elf u hames mija u hamsa u sebghin euro (**€53,575**) u wara dan qed jigi miftijem li majkoli Xejn iktar xnaqsam ghal kull ogett li ghandu x jaqsam ma St. Philip Caterers Ltd. Dan it-trasferiment qed isir b dawn il-patijiet u kondizjonijiet li jghdu kolla fuq Antoine Camilleri id card no. 222180(m) li diga hu diretur flistess Kumpanija. Qed jigi miftiehem ukoll li jiena Jason John Aquilina qed nghati l kunsens Tieghaj li nibqa nghamel tajjeb ghal Loans u Over draft li hemm ezistenti ma l-HSBC li hemm jinsabu fil-Kumpanija u dan ghal zmien sentejn mil-llum*".

11. Il-verżjoni tal-attur kienet li l-konvenut kien qallu biex jagħmlu t-tieni skrittura b'ċifra iżjed baxxa (€53,575) sabiex l-accountant Lawrence Camilleri ma jkunx jaf li fil-fatt kien ser jitħallas iżjed. L-ewwel Qorti wara li eżaminat il-provi donnha kienet iktar inklinata li temmen lill-attur, cioe` li l-iskrittura li kellha tgħodd kienet l-ewwel waħda (fl-ammont ta' €81,525) u mhux it-tieni waħda (fl-ammont ta' €53,757); għalkemm ma ppronunzjatx ruħha fuq il-kwistjoni, cioe` fuq kemm suppost kien l-ammont li ftehmu fuqu.

12. Hija mbagħad għaddiet biex tqis il-kwistjoni l-oħra dwar jekk fil-fatt sarx il-ħlas (indipendentement minn x'kien l-ammont). Fil-fatt kompliet hekk:

"*Dwar il-kwistjoni ta' jekk l-ammont – kien liema wieħed kien*[2] *– effettivament tħallasx, il-Qorti tosserva li l-attur ta verżjoni fejn qal li ħallas fi flus kontanti, b'cheques tal-klijenti, u b'cheques tal-kumpannija. Ressaq bħala xhud lil Arthur Briffa biex jittenta jipprova li dan kien ser jassistih sabiex iħallas ammont addizzjonali ta' €70,000 lill-konvenut.*

[2] enfasi ta' din il-qorti

*Għal darb'oħra Briffa lanqas ma kien kontro-eżaminat minkejja li kien xhud importanti stante li da allega li l-konvenut stess kien qallu li rċieva xi €80,000 mingħand l-attur u li kien jonqsu €70,000 x'iħallas. Mill-banda l-oħra il-konvenut u Lawrence Camilleri sostnew li meta ltaqgħu ma' Briffa, dan kien f'xenarju għal kollox differenti meta l-attur kien sostna li huwa kellu jiġbor mingħand Briffa u ried jieħu parir mingħandhom dwar valur ta' proprjeta` fil-Fgura li Briffa ried jagħti lill-attur bħala ħlas tad-dejn. Litteralment – tutt' altro cielo!*

"*L-attur ressaq bħala xhud lil Odette Galea biex tikkonferma dak li allegatament kien jgħid lilha l-konvenut dwar il-flus li ħa lill-attur u dwar il-pjan tal-konvenut li qatt ma jittrasferixxi l-ishma tiegħu lill-attur. Il-Qorti sejra tkun kawta bil-bosta dwar il-kredibilita` tax-xhieda ta' Odette Galea. Kif setgħet tikkostata l-Qorti stess de visu Odette Galea wriet akkaniment biex tgħarraq lill-konvenut. Ix-xhieda tagħha ma kinitx priva minn bitterness lejn il-konvenut. Għalhekk mingħajr riscontri oggettivi il-Qorti mhijiex sejra tagħti affidament lix-xhieda ta' Odette Galea.*

"*Eppure u tutto sommato il-Qorti jidhrilha li l-attur ma ressaqx provi biżżejjed konvinċenti li jserraħ moħħ il-Qorti illi huwa kien tassew ħallas lill-konvenut l-ammont li qed jirreklama fil-kawża ta' llum. Provi b'dokumenti u allura oġġettivi – xejn! Il-Qorti tifhem li l-ammonti involuti ma kinux żgħar u għalhekk kien jinkombi fuq l-attur il-premura u l-galbu li jesiġi xi tip ta' riċevuta meta ħallas lill-konvenut in cash partikolarment meta kien jaf (skont ix-xhieda tiegħu stess) li l-konvenut kien iberbaq il-flus fuq in-nisa. Mank ippreżenta kopja taċ-cheques li qal li ħareġ mill-kumpannija. Jew tal-inqas fornixxa xi tip ta' figuri jew prospett ta' kemm ħallas in kontanti u ta' kemm cheques ħareġ: proprju xejn! Ma kienx diffiċli li jġib kopji ta' cheques mill-bank. Il-Qorti mhijiex teskludi li seta' kien hemm raġunijiet oħra (li) il-prova taċ-cheques baqgħet ma saritx kif kellha ssir, partikolarment peress li jekk tali ċekkijiet inħarġu mill-kumpannija, kien ikun diffiċli għall-attur li jipprova li l-pagament ma sarx mill-kumpannija iżda minnu de proprio. In oltre, skont l-attur, meta saret l-iskrittura, il-flus kienu diġa tħallsu lill-konvenut. Għalhekk jekk tassew kien hekk il-każ, kien ferm faċli li titniżżel imqar sentenza fuq l-istess skrittura li tgħid li l-ammont indikat kien tħallas. Eppure l-iskrittura* ***assolutament*** *ma tgħid xejn!*".

13. Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-attur appellant pero` qed iħawwad flimkien:

(i) l-inklinazzjoni tal-ewwel Qorti li temmen il-verżjoni tiegħu dwar l-ammont indikat fl-ewwel iskrittura ;

(ii) mal-konklużjoni tagħha dwar il-ħlas o meno tal-ammont indikat fl-ewwel skrittura, fejn hija fil-fatt ikkonkludiet li l-attur ma ġabx prova sal-grad rikjest mil-liġi f'dan is-sens, cioe` bi provi dokumentarji u allura oġġettivi.

14. Bil-fatt li l-ewwel Qorti donnha kienet iktar qed tagħti kredibbilita` l-verżjoni tiegħu li l-iskrittura li kellha tgħodd kienet dik tal-1 ta' Diċembru 2008, ma jfissirx li allura kellha tagħti ukoll kredibilita` l-verżjoni tiegħu li l-ammont fil-fatt tħallas. Waħda ma ssegwix lill-oħra.

15. Dan iwassalna għall-kwistjoni dwar il-prova tal-ħlas. Huwa risaput li min jallega li sar pagament għandu jressaq prova ta' tali pagament, u m'hemmx dubju li f'dan ir-rigward ma hemmx prova aħjar minn prova dokumentarja u oġġettiva.

16. Għalkemm l-attur isostni li ħallas l-ammont ta' €81,525 f'ċekkijiet u kontanti, huwa ma ppreżenta l-ebda kopja taċ-ċekkijiet jew ta' riċevuti. Huwa jsostni li dakinhar tal-iskrittura tal-1 ta' Diċembru 2008, l-ammont ta' €81,525 kien diġa tħallas lill-konvenut. Fil-fatt fl-affidavit tiegħu[3] qal li:

> "*Mal-iffirmar ta' din l-iskrittura jien ħallast l-ammont kollu lil Jason ossia €81,525. Il-biċċa l-kbira tal-flus jien tajthomlu cash. Il-kumplament kienu cheques li kont irċevejt mingħand klijenti li għaddejthom lilu u xi cheques mill-kumpanija. Preżenti meta ħallast lil Jason Aquilina kien hemm ħija Alfred…*".

[3] Fol 27 et seq

u kontro-eżaminat[4] spjega li l-iskrittura saret meta tħallas l-aħħar ammont, cioe` wara li l-konvenut kien diġa ingħata ċekkijiet li ssarrfu u anke flus kontanti. Sostna li l-iskrittura saret fl-aħħar, "*x'ħin għaqqadna l-ammont*"; enfasizza li "*dik il-karta għamilniha kif ħallastu kollox*". Kif osservat l-ewwel Qorti, wieħed allura jippretendi li fuq l-istess skrittura kellha titniżżel xi ħaġa f'dan is-sens, iżda effettivament ma tniżżel xejn. Dan jistona mhux ftit.

17. Issa għalkemm kif ingħad l-aħjar prova ta' pagament hija waħda dokumentarja, li fil-każ in kwistjoni ma saritx, huwa insenjat li mhux eskluż li pagament jista' jiġi pruvat b'mezzi oħra. F'dan ir-rigward din il-qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[5] mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2017 fil-kawża fl-ismijiet **Raymond Bajada et v. Stanley Castillo et**:

> *"F'dan l-istadju huwa xieraq li din il-Qorti tirreferi ghal dawk il-principji li jirregolaw il-prova tal-pagament kif senjalati mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza Johann Schembri pro et noe vs Charlot Mifsud datata 19 ta' Ottubru 2005:-*
>
> > *"(1) Huwa principju pacifiku illi l-piz ta' prova tal-pagament hu fuq id-debitur konvenut li jallegah. Dan ghaliex una volta eccepixxa l-pagament kien jispetta lilu li jipprova dan b'mod konvincenti u konklusiv. Ara "Joe Chetcuti et -vsJoseph Pearson et nomine", Appell, 5 ta' Ottubru 1998;*
> >
> > *(2) Huwa mbaghad pacifikament maghruf illi "l-pagament jista' jigi pruvat bilmezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lil gudikant" -*

[4] 15 ta' Novembru 2011, fol 255 et seq
[5] 1101/05/TA

> *"Emmanuele Bezzina -vs- Emmanuele Attard et", Qorti Civili, Prim' Awla, 12 ta' Frar 1959;*
>
> *(3) Hu wkoll generalment accettat, illi f'kaz ta' dubju riferibilment ghallpagament dan kellu jkun rizolt favur l-attur-kreditur li ma kienx aggravat bloneru fuq imsemmi. Vide "Angelo Scicluna -vs- John Scerri", Qorti tal-Kummerc, 30 ta' Mejju 1951, konfermata in sede Appell fid-19 ta' Novembru 1951;"*

*Dan ifisser, li filwaqt li ma hemm ebda dubbju proceduralment li l-piz ta' prova tal-pagament tistrieh fuq spallet id-debitur u li produzzjoni ta' ricevuta li tindika l-hlas hija l-ahjar prova li jista' jkollu debitur biex jipprova li dan il-hlas sar, huwa daqstant iehor indubbitat, li pagament jista' jigi pruvat b'mezzi ohra kif intqal iktar il-fuq."*

18. Issa għalkemm Alfred Camilleri (ħu l-attur) fl-affidavit tiegħu[6] ikkorrobora l-verżjoni tal-attur li kien ħallas lill-konvenut l-ammont ta' €81,525; u għalkemm Arthur Briffa fl-affidavit tiegħu[7] xehed li l-konvenut kien qallu li kien irċieva xi €80,000 mingħand l-attur, din il-qorti ma jidhrilhiex li tali depożizzjonjiet waħedhom (u avolja ma sarux il-kontro-eżamijiet relattivi) jikkostitwixxu prova sodisfaċenti u suffiċjenti sal-punt li jwassluha biex (fl-assenza ta' prova dokumentarja u fl-assenza ta' raġuni valida għaliex ma tressqitx tali prova dokumentarja) tikkonkludi li l-attur effettivament ħallas l-ammont ta' €81,525 lill-konvenut.

19. Dwar Odette Galea[8] (li kienet f'relazzjoni mal-konvenut għal disa' snin, u ħassret minn miegħu ftit xhur qabel ma tat ix-xhieda tagħha) għalkemm din il-qorti ma rathiex tixhed quddiemha bħal ma ratha l-ewwel Qorti, ukoll qegħda tifhem mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni tagħha li kellha "bitterness" lejn il-konvenut u għalhekk tifhem għaliex l-ewwel Qorti

---

[6] Affidavit ta' Alfred Camilleri, fol 33 et seq
[7] Affidavit ta' Arthur Briffa, fol 41a
[8] Xiehda tat-3 ta' Mejju 2011, fol 191 et seq

dehrilha li ma kellhiex tagħti affidament lix-xhieda tagħha. Fi kwalunkwe każ, ix-xhieda tagħha dwar il-ħlas hija konfuża (filli qalet li l-konvenut qalilha li kien tħallas Lm25,000 għat-trasferiment, u filli qalet li s-somma ta' Lm25,000 kienet l-aħħar ħlas li kien baqagħlu jitħallas) u għalhekk lanqas tista' titqies li tista tikkorrobora lix-xhieda l-oħra tal-attur, u wisq anqas sal-punt li tikkonvinċi lil din il-qorti (fl-assenza ta' prova dokumentarja) li l-attur verament għamel il-ħlas allegat minnu.

20. Lanqas ma hu l-każ li din il-qorti għandha tagħmel assunzjonijiet kif jippretendi l-attur fir-rikors tal-appell tiegħu.

**Decide**

21. Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell interpost minnu u tikkonferma s-sentenza appellata.

22. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandu jitħallas mill-istess attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb